# DAWL FRANĠISKAN

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN




## Kristu: *Il-Ġublew tagħna*

FRAR 2000 • L-GHOXRIN SENA • GHADD 197 • NEWSPAPER POST

# Werrej...


**EDITORJAL** 1
*minn P. Joe Alessandro ofm cap*

**BIBBJA** 2
L-Evanġelji ta' l-Infanzja
*minn P. Donat Spiteri ofm cap*

**SPIRITWALITÀ** 3
Il-Kappella tal-Madonna ta' Lourdes fil-Floriana tagħlaq 80 sena
*minn Bro. Andrè Azzopardi ofm cap*



**RIFLESSJONI U AZZJONI** 6
Teleskopju fuq il-Ħajja
*minn P. William Axiaq ofm cap*

**KENJA** 8
Mort u ġejt! X'ġara?
*minn Bro. Hayden Williams ofm cap*

**KUBA** 10
Milied Kuban
*minn P. Philip Cutajar ofm cap*

**KULTURA FRANĠISKANA** 12
Il-Misteru ta' l-Inkarnazzjoni u San Franġisk fil-Filatelija
*minn P. Martin Micallef ofm cap*




**INTERVISTA** 14
Nitkellmu ma' P. Anton Azzopardi
*minn Bro. Andrè Azzopardi ofm cap*

**AĦBARIJIET KAPUĊĊINI** 15

**ĠUBLEW 2000** 16
Kristu: Il-Ġublew Tagħna
*minn P. Publius Mair ofm cap*

**IT-TWEĠIBA** 18
*minn P. William Axiaq ofm cap*



**ŻGĦAŻAGĦ FRANĠISKANI** 19
Biżżejjed il-Kredu?
*minn Stephanie Cassar gi.fra.*



**O. F. S.** 20
Spirtu ta' Qadi fil-ħajja tat-Terzjarju
*minn P. Frans Abela ofm cap*

**NOVELLA** 21
Buganvilla
*minn Lina Brockdorff ofs*

**IT-TISLIBA** 24
*minn P. Wistin Attard ofm cap*

**POEŻIJIA** 24
Pange Lingua
*minn Prof. Oliver Friggieri*

**VOKAZZJONIJIET**
Church On Whe
*minn P. Joe Giulia*

**MISSJONI**
Riżultat tal-Lotterija
*minn P.Joe Alessandro ofm cap*



**DAWL FRANĠISKAN**

**FRAR 2000**
**L-20 Sena**
**Għadd 197**




**Qoxra 1:**
***Ikona Etjopika ta' Kristu u t-tnax-il Appostlu.***


**BORD EDITORJALI:**
Joe Alessandro ofm cap (Direttur u Editur)
Wistin Attard ofm cap
Frans Abela Giusti ofm cap
Noel Pace
Maria Mercieca ofs
Dorian Holland ofs
Keith Spiteri gi.fra.



**DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI**
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - VLT 14
Tel: 233874/225525/234949
e-mail: ofmcap@keyworld.net



**DISINN U LAYOUT:**
IMAGE 2000 Ltd., B'Bugia
**MITBUGĦ:**
P.E.G. Ltd., San Ġwann.


Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.

' l-Abbonament: Lm 4 fis-sena.
rta, barra mill-ħlas, hi milqugħa
a għajnuna għall-Missjoni, li
għandha tintbagħat lid-
Direttur
Ċentru Missjoni Kapuċċini
Kunvent tal-Kapuċċini
Floriana - VLT 14

minn
P. Joe ALESSANDRO ofm cap

# Ġesù Kristu: *Is-Samaritan it-Tajjeb*

Għall-okkażjoni tat-Tmien Jum Dinji tal-Morda li ser jinżamm f'Ruma fil-11 ta' Frar tas-sena 2000, sena tal-Ġublew il-Kbir, il-Papa Ġwanni Pawlu II, fil messaġġ tiegħu qed jistieden lilna l insara sabiex nerġgħu nezaminaw ir-realtà tal-mard u tat-tbatija fid-dawl tal-misteru ta' l-Inkarnzzjoni ta' l-Iben ta' Alla.

Huwa fatt li t-tmiem tat-tieni millenju ra progress kbir fil-kamp mediku u ta' kura tas-saħħa tal-bniedem, kif ukoll ta' l-għarfin tad-drittijiet tal-persuna marida. Iżda dan ma jfissirx li l-bniedem għamel kull ma setgħa biex itaffi t-toqol tat-tbatija minn fuq individwi, familji u soċjetajiet sħaħ. Għall-kuntrarju, it-tmiem tat-tieni millenju assista għal tbatijiet kbar ta' popli sħaħ minħabba l-ħafna konflitti u gwerer etniċi. Mard ieħor karatteristiku ta' l-aħħar snin tal-millenju li għadna kemm spiċċajna huwa dak ikkawżat mill-abbuż tad-droga, mill-mard ta' l-AIDS, mit-tinġiż ta' l-ambjent, u mill-kriminalità organizzata.



Il-misteru ta' l-Inkarnazzjoni jgħinna nħarsu lejn il-ħajja bħala rigal ta' Alla, u li għandna nibżgħu għaliha b'mod responsabbli. Is-saħħa hija l-aspett pożittiv tal-ħajja li wieħed għandu jfittixha għall-ġid tal-persuna tiegħu u tal-proxxmu. Aspett ieħor tal-ħajja hija t-tbatija. Kristu, meta ħa n-natura tagħna l-bniedmin aċċetta li jgħix il-ħajja ta' bniedem fl-aspetti kollha tagħha, fis-saħħa, fit-tbatija, fl-uġiegħ u fil-mewt.

L-imitazzjoni ta' Ġesù, il-qaddej li jsofri, mexxiet qaddisin kbar kif ukoll nies sempliċi fil-fidi tagħhom biex ibiddlu l-mard u t-tbatija tagħhom f'għajn ta' tisfija u ta' ħelsien għalihom infushom kif ukoll għal oħrajn. B'hekk, anke l-bniedem marid u fit-tbatija huwa msejjaħ u mibgħut minn Kristu biex jaħdem fil-għalqa tal-Mulej. L-eżempju ta' dawn il-persuni mġarrbin isir mezz ta' evangelizzazzjoni f'kultura li qed tipprova taħrab l-esperjenza tat-tbatija u tas-sagrifiċċju.

Il-Ġublew il-kbir qed jistedinna nikkontemplaw il-wiċċ ta' Kristu, is-Samaritan it-tajjeb, li jqanqalna biex inkunu qrib ħafna ta' ħutna li huma mġarrbin mit-tbatija u l-mard, billi nirrispettawhom, nifhmuhom, naċċettawhom, nuru ħniena u kompassjoni lejhom u nkunu ġenerużi magħhom. B'hekk inkunu qed negħlbu l-indifferenza u l-egoiżmu tant komuni fis-soċjetà tagħna ta' llum.

Kristu mhux biss fejjaq iżda kien promutur favur il-ħajja, u l-ħajja fil-milja tagħha. Din kienet il-missjoni ta' Kristu. U din għandha tkun il-missjoni tal-Knisja u tagħna bħal nsara. Fil-kuntest tal-promozzjoni tas-saħħa u ta' kwalità ta' ħajja, irridu nżommu quddiem għajnejna żewġ dmirijiet.

L-ewwel dmir huwa li niddefendu l-ħajja f'dinja fejn qed tissuġġerixxi, bħala soluzzjoni għal ċerti sitwazzjonijiet, l-abort u l-ewtanasja. It-tieni dmir huwa li nuru li s-saħħa fiżika, il-perfezzjoni bioloġika jew is-sbuħija fiżika mhumiex l-għola valur fil-ħajja tal-bniedem. Il-ħajja tat-tbatija u tal-mard toffri wkoll spazju fejn wieħed jikber, isib il-milja tiegħu u jiskopri valuri oħra fil-ħajja.

F'din is-sena tal-Ġublew, li fiha l-Mulej ser juri l-imħabba kbira tiegħu lejna, il-Papa qed jistieden lilna lkoll, saċerdoti, reliġjużi u nisa, imgħammdin u nies ta' rieda tajba biex b'kuraġġ nilqgħu l-isfidi li qed jheddu s-saħħa u l-ħajja ta' tant nies ħutna.

Jalla l-Kungress Ewkaristiku Internazzjoni, li ser jiġi ċċelebrat f'Ruma matul din is-sena, ikun iċ-ċentru li jdawwal l-inizjattivi u t-talb tagħna ħalli Kristu, is-Samaritan it-tajjeb, ikun preżenti u ħaj fid-dinja tal-kura tas-saħħa u tal-promozzjoni favur il-ħajja. ❑

# L-Evanġelji ta' l-Infanzja

***B'dan it-titlu, "L-Evanġelji ta' l-Infanzja", nifhmu r-rakkonti fuq it-twelid u t-tfulija ta' Ġesù li naqraw fl-ewwel żewġ kapitli ta' l-Evanġelju ta' Mattew u fl-ewwel tnejn ta' l-Evanġelju ta' Luqa. Dan hu fatt li jġegħelna nistaqsu: Mnejn ġew dawn ir-rakkonti ta' l-infanzja? Meta daħlu fil-katekeżi appostolika? Mnejn ħaduhom l-Evanġelisti Mattew u Luqa biex daħħluhom fl-Evanġelji tagħhom? U kif ma jaqblux bejniethom dawn iż-żewġ Evanġelisti fir-rakkonti ta' l-infanzja? Dawn id-diffikultajiet u oħrajn bħalhom jitolbu spjegazzjoni.***

Ir-rakkonti ta' l-infanzja twieldu u dehru tard ħafna fit-tradizzjoni evanġelika ta' l-ewwel żmien. L-ewwel element ta' l-Evanġelju kien dak tax-xandir tal-mewt ta' Ġesù u tal-qawmien tiegħu mill-imwiet (1 Kor 15, 3-4). Din kienet il-*kèrygma*, il-bxara t-tajba tas-salvazzjoni. Imbagħad għal dawk li kienu jilqgħu l-kelma u jemmnuha żdiedet magħha d-*didachè*, il-katekeżi, jew it-tagħlim fuq dak li Ġesù "kien għamel u għallem" (Atti 1, 1). Sadattant kienu għadhom ma dehrux ir-rakkkonti fuq it-tnissil u t-twelid ta' Ġesù u fuq il-ħajja moħbija tiegħu f'Nazaret. Għall-insara ta' l-

minn P. Donat SPITERI ofm cap



ewwel ġenerazzjoni dawn ma kellhomx importanza. Lil Ġesù ta' Nazaret, l-aktar dawk li kienu min-naħa tal-Lhud, kienu jafuh f'ħajtu fi żmienhom; kienu jafu li kien "bin Ġużeppi l-mastrudaxxa" u li ommu kien jisimha Marija; kienu jafu lil "ħutu" jew qrabatu. Għalihom Ġesù, fil-ħajja tiegħu ta' "madwar tletin sena", ma kien għamel xejn speċjali biex juri min kien tassew: li hu l-Messija, Bin Alla.

Aktar tard, meta l-fidi tagħhom f'Ġesù laħqet l-ogħla grad tagħha, u huma bdew jemmnu li hu kien il-Mulej u l-Iben ta' Alla u li kien niżel mis-sema minn ħdan il-Missier, bdew jistaqsu u jitkixxfu fuq l-oriġni umana tiegħu.

Ir-rakkkonti ta' l-infanzja jagħtu tweġiba għal dawn il-mistoqsijiet. L-ewwel bil-preżentazzjoni tat-tnissil u t-twelid verġinali ta' Ġesù. Mattew juri din il-verità bl-istorja tat-tħabbira tat-twelid ta' Ġesù lil Ġużeppi (1, 18-28) u Luqa bl-istorja ta' din it-tħabbira lil Marija (1, 26-38). Luqa jżid jgħid ukoll li l-Lhud ta' żmien Ġesù "kienu jaħsbuh bin Ġużeppi" (4, 23) - imma fil-fatt ma kienx bin Ġużeppi.

Mill-banda l-oħra bis-saħħa tal-persuna ta' Ġużeppi sew Mattew u sew Luqa setgħu jaffermaw li Ġesù kien il-Messija, għax kien Bin David. Hu bis-saħħa ta' Ġużeppi li Ġesù wiret dan it-titlu messjaniku, għax Ġużeppi kien mid-dar ta' David (Mt 1, 20; Lq 1, 27). Din kienet il-missjoni ta' Ġużeppi skond il-pjan ta' Alla, li hu jidher għal Ġesù bħal missieru, u hekk il-Lhud setgħu jaċċettaw 'il Ġesù bħala l-Messija, li kellu jkun Bin David.

Imma bħala Bin David il-Messija kellu jkun minn Betlehem. "Ma tgħidx l-Iskrittura li l-Messija għandu jiġi min-nisel ta' David u minn Betlehem, ir-raħal minn fejn kien David?" (Ġw 7, 42). Mattew u Luqa wieġbu għal din id-diffikultà. Mattew bl-istorja tal-maġi (2, 1-12) u Luqa bl-istorja tat-twelid ta' Ġesù f'Betlehem (2, 1-20).

Hu biss fuq dawn iż-żewġ punti dottrinali li jaqblu bejniethom iż-żewġ Evanġelisti, jiġifieri, fuq it-tnissil u t-twelid verġinali ta' Ġesù u fuq il-fatt tal-messjanità tiegħu. Dan hu l-messaġġ ta' l-Evanġelji ta' l-Infanzja. Dan hu kull ma fehmu jgħallmu bihom Mattew u Luqa.

Mill-bqija ma jaqblu xejn bejniethom la fir-rakkonti li jagħtu u lanqas fil-mod li bih jippreżentawhom. Id-differenzi ta' bejniethom huma ħafna u evidenti. Dan ifisser li ż-żewġ blokki tar-rakkonti ħarġu minn għejun differenti jew minn ħdan żewġ komunitajiet ta' tradizzjonijiet differenti. Minħabba l-karattru Semitiku tagħhom nifhmu li dawn ir-rakkonti sbieħ issawru u ħarġu minn

# Il-Kappella tal-Madonna ta' Lourdes fil-Floriana tagħlaq 80 sena




*Disinn tal-Kappella-Grotta mibnija fl-1706 minn Fra Filippo Wolfgang von Guttenberg.*

*minn Bro. Andrè AZZOPARDI ofm cap*

It-tfajla Bernardette twieldet fil-familja ta' Franġisku Soubirous u Louise Casterot. Sa minn ċkunita batiet il-ġuħ, il-miżerja u l-għera. Ta' erbatax-il sena kellha tieħu ħsieb ħutha minħabba li l-ġenituri kienu joħorġu jaħdmu. Għalhekk skola ftit li xejn setgħet titgħallem, iżda kienet taf xi ftit duttrina u talb.

Kien f'Massabiele li l-Omm tas-Sema għoġobha turi ruħha lil Bernardette u tistqarr li hi kienet dik imnissla bla dnub - L-Immakulata Kunċizzjoni. Dan seħħ fil-25 ta' Marzu 1858. Minn Franza xterdet qatigħ din id-devozzjoni tant li llum anki f'pajjiżna nsibu li din qabdet art ħawtiel. Xhieda ta' dan hu l-għadd ta' statwi u devozzjoni ħajja li ntisġet fil-qalb tal-poplu Malti.

Wieħed minn dawn il-postijiet ta' devozzjoni huwa l-Kappella-Grotta tal-Kapuċċini fil-Floriana. Fl-1706, il-Kommendatur Fra Filippu Wolfgang von Guttenberg, għoġbu jibni kappella ċkejkna ddedikata lil Santa Marija Madalena biex dawk li kienu jiġu ta' spiss il-kunvent kien ikollhom fejn jistrieħu. Dan seħħ biex iżjed nies iżuru l-kunvent li f'dawk iż-żmenijiet kien maqtugħ sew mill-Belt Valletta.

Fil-kappella kien hemm statwa ta' din il-qaddisa li fil-gwerra ntilfet meta safa' mwaqqa' l-kunvent. Biex wieħed jista' jkollu ħjiel dwar kif setgħet kienet din il-grotta, biżżejjed jidħol fis-sagristija tal-kappella attwali u jara disinn li juri, bejn wieħed u ieħor, x'kien hemm.

---

żewġ komunitajiet ta' nsara li kienu ġew min-naħa tal-Lhud u li kienu jżommu b'għożża fosthom xi tifkiriet tal-ħajja moħbija ta' Ġesù.

Għandna nifhmu wkoll li dawn it-tifkiriet ma kinux miktubin u rreġistrati f'dokumenti għall-anqas sa mill-bidu tagħhom. Kienu tradizzjonijiet orali mogħtija bil-fomm. Kif ġeneralment jiġri f'każijiet bħal dawn ir-rakkonti jikbru, joktru u jisbieħu huma u għaddejja minn fomm għal fomm. Hekk ġara mir-rakkonti ta' l-infanzja ta' Ġesù. Ma' l-element storiku tagħhom żdiedu elementi oħra kerygmatiċi, bħalma hi l-interpretazzjoni profetika u messjanika tagħhom bl-iskop li joħroġ minnhom il-messaġġ dottrinali tagħhom.

Żdiedu wkoll partikularijiet ta' karattru "storiku" biex ikomplu jiżviluppaw u jsebbħu l-istorja. Oħrajn ġew iffurmulati bil-forma ta' letteratura fittizja, ibbażata fuq l-isfond ta' testi messjaniċi tat-Testment il-Qadim, bħalma huma r-rakkonti sbieħ tat-tħabbir tat-twelid ta' Ġesù u tad-dehriet ta' l-anġli.

L-istudjużi kritiċi jippruvaw janalizzaw l-elementi storiċi minn dawk li jistgħu jkunu fittizji (dawk li jsejħulhom *midràx*). Imma wkoll fl-elementi fittizji jagħrfu li huma kerygmatiċi, jiġifieri, magħmulin bl-iskop li bihom jitwassal sħiħ il-messaġġ sabiħ ta' dawn ir-rakkonti.

Għalhekk jibqa' dejjem il-fatt li fl-Evanġelji ta' l-Infanzja għandna *l-verità* sħiħa li permezz tagħhom fehmu jwasslulna ż-żewġ Evanġelisti Mattew u Luqa - il-verità rrivelata bihom, li Ġesù hu l-Messija mwiegħed minn Alla lill-poplu tiegħu u li tnissel u twieled minn omm-verġni, għax hu tassew l-Iben ta' Alla. ❑







*Fuq xellug: Il-Kappella li nbniet bejn l-1918 u l-1920 fuq pjanta tal-Kav. E. Borg.*

*Fuq lemin: 26 ta' Diċembru 1920 - Il-wasla lura ta' l-istatwa tal-Madonna lejn il-Kappella l-ġdida mill-knisja Arċipretali tal-Floriana.*

*Lemin: 19 ta' Mejju 1946 Trasport ta' l-Istatwa tal-Madonna ta' Lourdes mill-Parroċċa ta' San Publju għal dik tal-Kapuċċini, Floriana, f'għeluq il-25 sena mit-twaqqif tal-Kappella.*

Kien fl-1881, meta f'Malta kienet laħqet inxterdet id-devozzjoni lejn Sidtna Ommna ta' Lourdes, P. Filippu Anton Meli għamel xi titjib fil-kappella u ġab xbieha minn Franza ta' Bernardette għarkubbtejha quddiem il-Madonna.

Maż-żmien, tant xterdet id-devozzjoni lejn il-Verġni Mbierka, li kellu jinbena lok ieħor fejn din it-turija ta' fidi setgħet tkompli titwettaq.

Fi żmien sentejn, jiġifieri bejn l-1918 u l-1920, ġiet imtellgħa kappella fuq stil ruman bi pjanta tal-Kavallier E. Borg, bl-inizjattiva ta' P. Franġisku mill-Floriana, li aktar qabel kien Provinċjal tal-Kapuċċini, u li ngħata għajnuna finanzjarja mis-Sur F.X. Galea minn Ħal Qormi u oħrajn.

Il-maqdes għandu għamla ta' rotunda bi tmien pilastri li qed iżommu l-koppla. Fatt uniku hu li ġiet mibnija grotta bi statwa tal-Madonna u oħra ta' Bernardette fiha u li tkompli ddaħħal lil dak li jkun hemm f'atmosfera ta' intimità ma' Alla.

Il-ftuħ tal-kappella sar nhar is-26 ta' Diċembru 1920. L-istatwa ġiet meħuda fil-Knisja Arċipretali tal-Floriana u ttieħdet lura proċessjonalment għall-kappella l-ġdida.

Għal dan l-avveniment ġie magħmul kumitat li kellu jieħu ħsieb iċ-ċelebrazzjoni. Dak inhar tas-26 ta' Diċembru, għall-ħabta ta' l-4.30 ta' filgħaxija, bdiet ħierġa l-proċessjoni li tmexxiet mill-Isqof Mawru Caruana, Arċisqof ta' Malta. Fiha ħadu sehem l-Aħwa Kapuċċini, it-Terzjarji u għaqdiet oħra.

Ġew mistiedna t-tfal ta' l-Istituti tal-Belt, tal-Floriana u tal-Ħamrun, is-Soċjetà *"Unione Cattolica San Giuseppe"* tal-Belt, studenti ta' l-università, *"Le Figlie di Maria"* u l-poplu Malti kollu. Meta l-istatwa kella tasal quddiem il-kappella, kellha tieħu sehem il-Banda Vilhena u saru diskorsi żgħar minn Mons. Luigi Farrugia D.D. L-Isqof Caruana, imbagħad, qaddes għall-ewwel darba f'din il-kappella.

Bejn l-1926 u l-1929, il-kappella ġiet miżgħuda b'dekorazzjonijiet ta' pittura ta' Ramiro Calì u Ġużeppi Briffa. Dan sar b'donazzjonijiet tas-Sur A. Cassar Torregiani, is-Sur Mikelangelo Refalo, ħuh il-kanonku u s-Sur A. DeBrincat.

L-istatwa tal-Madonna, li għandha kuruna tal-fidda, ġiet mogħtija raġġiera tal-fidda mill-Markiż Francesco Scicluna.

Matul l-aħħar gwerra dinjija, minkejja l-ħbit qalil li seħħ fl-4 u l-5 ta' April 1942, l-istatwa tal-Madonna baqgħet bla

mittiefsa għaliex ittieħdet f'xelter imħaffer fil-blat fil-mina tal-ferrovija fil-Floriana. Mhux l-istess jista' jingħad għall-kappella, li ġarrbet ħsarat estensivi. Iżda malajr sarulha xi tiswijiet, tant li reġgħet infetħet fid-19 ta' Mejju 1946 b'proċessjoni kbira.

Fl-okkażjoni ta' l-Ewwel Ċentinarju mid-Dehriet f'Lourdes saru festi speċjali, fosthom:

• Is-Sibtijiet kollha kellhom ikunu ġranet ta' devozzjoni billi ssir quddiesa filgħodu, u filgħaxija jingħad ir-rużarju, kurunella, *Salve* u *Ave Maria*.

• Fil-ġranet tad-Dehriet kellha ssir quddiesa kantata, u filgħaxija priedka.

• L-akbar festi solenni kellhom ikunu bejn it-18 u s-27 ta' Lulju fejn l-Għaqda għat-Trasport tal-Morda f'Lourdes u l-Patrijiet Franġiskani Kapuċċini kellhom jorganizzaw pellegrinaġġ għall-morda, adorazzjoni bil-lejl, akkademja mużiko-letterarja u ġimgħa festi solenni fejn fiha kellha tiġi ttrasportata l-istatwa tal-Madonna mill-Knisja Arċipretali tal-Floriana għall-kappella-grotta.

• Kellu jsir Kungress għat-Terz'Ordni fix-xhur ta' Awissu-Settembru.

Fl-1963, bħala parti mit-tifkira tal-Kungress Ewkaristiku li kien sar f'Malta fl-1913, il-Kummissjoni tal-Morda fi ħdan l-Azzjoni Kattolika għamlet quddiesa ċċelebrata mill-isqof Mons. E. Galea quddiem il-kappella fejn fiha ħadu sehem 'il fuq minn 450 marid. Wara saret proċessjoni bis-Santissimu Sagrament.

## Ċelebrazzjonijiet li jsiru fil-Kappella tal-Madonna ta' Lourdes Kapuċċini - Floriana

- Quddiesa fit-8:30 a.m. kuljum, barra fil-Ħdud u l-Festi.
- Fil-jiem tad-Dehriet, ukoll meta jaħbat il-Ħadd, Quddiesa fil-11:00 a.m. Fis-6:00 p.m., Rużarju, Kurunella, Ċelebrazzjoni Ewkaristika u Quddiesa bl-Omelija.
- Matul ix-xhur ta' Mejju u Ottubru: Rużarju fis-6:00 p.m. u wara Quddiesa.

**Tifkiriet tad-Dehriet matul is-sena 2000:** Frar: 11, 14, 18, 19, 20, 21, 23, 24, 25, 26, 27, 28; Marzu: 1, 2, 4, 25; April: 7, 16; Lulju: 16.




*L-artal il-ġdid f'jum il-konsagrazzjoni tiegħu (11 ta' Frar 1980) mill-Arċisqof Ġużeppi Mercieca. Miegħu kkonċelebraw il-Provinċjal P. Ewsebju Darmanin, illum l-Isqof ta' Garissa (fit-tarf fuq ix-xellug) u l-Arċipriet tal-Floriana Mons. Fenech (fit-tarf fuq il-lemin). Fuq ix-xellug: tidher l-istatwa ta' Santa Bernardette meqjuma fil-Kappella tal-Madonna ta' Lourdes.*

F'dawn l-aħħar snin sar xi restawr u tibdil. Fis-sena 1980, sar artal ġdid li hu ta' l-irħam ta' Malta, u ġie maħdum mill-Malta Marbles Ltd. Dan ġie kkonsagrat mill-Arċisqof Ġużeppi Mercieca fil-11 ta' Frar 1980. L-artal il-qadim li ġie kkonsagrat mill-Isqof Caruana fid-9 ta' Frar 1923, issa jinsab fil-kappella interna tal-kunvent.

Il-pittura ta' Ramiro Calì fl-erba' taqsimiet tal-koppla, ġarrbet xi ħsarat minħabba l-gwerra u anki minħabba l-ilma li daħal mill-lanterna tal-koppla. Il-pittur Kappuccin P. Fawstinu mill-Belt kien irrestawraha u reġa' taha s-sbuħija oriġinali tagħha. Iżda fis-snin disgħin, il-patrijiet ħassew li kellha tiġi mpittra mill-ġdid, u għalhekk tqabbad il-pittur Alfred Briffa li fil-koppla pitter il-Madonna bil-kappella tal-Porziuncola f'Assisi fl-isfond, il-Papa Piju IX jipprokklama id-Domma ta' l-Immakulata, Santa Bernardetta liebsa ta' soru u xena ta' tifel marid jitlob il-fejqan.

Kif stqarr l-istess pittur, kellu juża l-istess kuluri li uża Ġużeppi Briffa qablu u l-persunaġġi li hemm huma meħuda minn fuq persuni li kienu jiġu minnu jew li kien jaf.

Kull sena, barra li jsiru b'solennità d-dehriet tal-Madonna, issir ukoll il-festa ta' Santa Bernardette, li l-ewwel festa tagħha fil-kappella seħħet fl-1955.

Dak li hu reliġjuż u li hu minsuġ mal-kultura u l-istorja jkompli jurina l-fidi popolari tal-poplu tagħna u kif dan il-poplu, fil-bidu tat-tielet millenju, irid ikompli jersaq lejn il-Ħallieq anki b'devozzjonijiet li huma xhieda mhux biss ta' l-imħabba iżda wkoll ta' l-għożża tagħna lejn l-Omm l-aktar ħanina tas-sema. ❑



# Teleskopju fuq il-Ħajja

minn P. William AXIAQ ofm cap

Ir-riflessjoni fuq dak li jiġri madwarna fil-ħajja ta' kuljum qatt ma taqta'. Ir-riflessjoni, iżda, trid twassalna għall-azzjoni, għall-bidla tal-ħajja. Ġejjin ftit ħsibijiet li jħeġġuna nagħmlu hekk.

## 1 FUNDAMENTALIŻMU EVANĠELIKU

Il-bniedem mhux kuntent jidneb biss. Wara li jidneb, speċjalment jekk jissistematizza ruħu fid-dnub, irid jara kif iħaddem moħħu. Jara x'jivvinta, ħalli jiġġustifika l-azzjoni ħażina tiegħu u ma jħossx iżjed, minn għalih, is-sens ta' rimors u ħtija. Dan qed jiġri fost dawk it-talin li kasbru l-fedeltà taż-żwieġ u qed jgħixu ma' mara/raġel ieħor.



Milux iltqajt ma' raġel li qed jgħix hekk. Għedtlu li nixtieq naqralu silta mill-Evanġelju li għandha x'taqsam mas-sitwazzjoni li jinsab fiha. Ma qallix le. Qrajtlu dak il-passaġġ fl-Evanġelju fejn Ġesù jitkellem kontra l-adulterju (Mt 5, 31-32). F'din is-silta l-Mulej juri kemm hu ħażin l-adulterju, iżjed u iżjed meta tnejn jiddeċiedu li jmorru joqogħdu flimkien.

Wara li spiċċajt naqra, staqsejtu x'jidhirlu. Aqta' x'irrispondieni? "Dak li qrajtli kollu fundamentaliżmu evanġeliku. Hu diskors ideali, mimli esaġerazzjonijiet. Kristu mhu prattiku xejn, almenu f'dak li għadek kemm qrajtli".

L-espressjoni "fundamentaliżmu jew l-integraliżmu Għarbi" qed tiddeffes ukoll fejn jidħol il-ħarsien ta' l-Evanġelju. Qed jiġri hekk, biex tinġieb fix-xejn il-kelma setgħana ta' Ġesù li torbot fil-kuxjenza.

Avolja qed isir dan ir-raġunament bla sens, il-bniedem fil-fond ta' qalbu hu konvint li qed jirraġuna hekk għax jaqbillu. Fil-qiegħnett ta' qalbu jaf li qed jipprova jgħatti x-xemx bl-għarbil, mingħajr qatt m'hu se jirnexxilu.

Ġesù għamilha ċara fl-Evanġelju: "Id-dud tagħhom ma jmutx" (Mk 9, 48). Il-kuxjenza tkompli tħabbtu 'l-bniedem, sakemm ibiddel fehmtu u jikkonverti.

## 2 PREZZIJIET ESAĠERATI

Qabel kien hawn pulizija li kienu jsibuhom "Tal-kontroll". Illum ma għadhomx jeżistu, għax dawk kollha li jbigħu kollha saru kapaċi jikkontrollaw lilhom infushom fejn jidħlu l-prezzijiet!

Fil-ħwienet u fit-toroq niltaqgħu ma' bejjiegħa retti fil-prezzijiet. Niltaqgħu ma' oħrajn li qed jisirqu bla ħniena u skruplu ta' xejn. X'uħud qed jiddeċiedu huma kemm ibigħu dak l-oġġett jew l-ieħor. Il-prezzijiet jagħmluhom huma u mhux l-awtorità. Għax kiosk qiegħed ħdejn il-vapur ta' Għawdex għandu jbigħ oġġetti ta' l-ikel u xorb bil-għoli? Għaliex il-prezzijiet tal-*bar* tal-vapur ta' Għawdex għandhom ikunu differenti minn dawk ta' bnadi oħra? Għaliex tmur tara



pazjenti l-isptar "San Luqa" u ħdejn il-*gate* ġieli jkun hemm bejjiegħa jbigħu frott bi prezz għoli ħafna? Ċerti bejjiegħa qed jieħdu opportunità minn ċerti postijiet u minn rajhom jiddeċiedu xi prezzijiet idendlu ma' oġġetti tal-konsum

Dawn it-talin jaqbduk fuq sieq waħda, u jkollok tixtri bilfors mingħandhom, avolja l-prezz tkun taf li hu esaġerat. Meta ssib ruħek fl-imkejjen li semmejt, ma tkunx tista' tagħmel mod ieħor għajr li tagħlaq għajnejk u tixtri. Mela se tmur tara marid/marida u ma teħdilhom xejn miegħek?

Din hija vjolenza morali fuq nies twajbin u abbuż serju kontra d-drittijiet tal-bniedem.

L-awtorità meta se tieħu ħsiebhom dawn l-inġustizzji soċjali, basta ħafna programmi fuq ix-xandir dwar "Kummenti, ilmenti u suġġerimenti"?

## 3 QALB ĦAŻINA F'ĊERTI SPTARIJIET

Kemm hi ħaġa sabiħa tmur l-isptar u tiġi ttrattat bħan-nies... bil-qalb u bl-imħabba. Tieħu pjaċir tiftaħ il-ġurnali u taqra tifħir għal ċerti tobba u nfermieri. Fl-isptarijiet tagħna għandna, iva, professuri u *nurses* li dak li jagħmlu jagħmluh b'vokazzjoni. Huma persuni li għandhom id-don ta' l-opri tal-ħniena u jħaddmuh bil-ferħ (Rm 12, 8).

Fl-isptarijiet tagħna, iżda, hemm ukoll ċerti nfermieri li ma jistħoqqilhomx dan l-isem. Huma kattivi mal-pazjenti: la jbiddlulhom meta jkun hemm bżonn jagħmlu hekk; la jieqfu magħhom meta jsejħulhom; la jagħtuhom *injection* bil-galbu u b'sengħa; jisirqulhom flus u affarijiet ta' l-ikel; jeħdulhom il-flus għax sempliċement jakkompanjahom sal-kappella jew sa xi mkien ieħor ta' l-isptar; ikellmuhom bil-herra u, ġieli, isawtuhom u jbekkuhom ... Dawn huma nuqqasijiet serji ħafna iżjed u iżjed meta jkunu qed jiġru fi sptar, post ta' dulur u sofferenzi, x'uħud minnhom kbar, fejn il-pazjenti, suppost, jiġu ttrattati b'ospitalità kbira.

Il-pazjenti jrid ikollhom il-manjieri ma' l-infermieri, għax x'uħud minnhom ġieli ma jkollhomx, u jkunu pretensivi, biex inkun għedt kollox. Madankollu l-infermieri jridu jkunu komprensivi u jagħmlu ġieħ lis-sejħa tagħhom. Li kultant jitlagħlek mal-morda hi ħaġa minn ewl id-dinja, imma li "regolarment" iġġib ruħek magħhom bil-mod li spjegajt, dan għajb u kattiverija.

L-infermieri jridu jħarsu lejn il-morda bl-għajn ta' Kristu, waqt li jiftakru l-kelma tiegħu: "Tassew, ngħidilkom, kull ma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi" (Mt 25, 40). X'jiswielhom l-infermieri li jammiraw il-ħidma qaddisa li kienet impenjata fiha Mother Tereża ta' Calcutta jekk huma mbagħad ma jippruvawx jixbhuha xi ftit?




• Mulej, għinni ħalli l-kelma tiegħek, iebsa kemm hi iebsa, qatt ma nissogra nwaqqgħalha ġieħha għall-interessi tiegħi, speċjalment meta tkellimni fuq il-qdusija taż-żwieġ.

• Mgħallem Divin, ieqaf miegħi ħalli, bħala bejjiegħ, qatt ma nipprofitta ruħi, biex nagħmel il qligħ, la miċ ċirkustanzi u lanqas mill-persuni, ħalli b'hekk inkun ġust u bla tebgħa quddiemek.

• Mulej, għallimni nħobb il-morda, l-aktar dawk gravi, b'xi mod kif kont tħobbhom int, u agħmel li qatt ma mmur naħdem l-isptar bħala nfermier biex naqla' l-flus biss, imma wkoll biex nitħarreġ fl-imħabba nisranija.



# Mort u ġejt! X'ġara?

minn
Bro. Hayden Williams ofm cap

***"La nikber insir tabib u mmur il-Kenya!" Mhux l-ewwel darba li l-familjari tiegħi semgħuni ngħidha! F'Lulju tas-sena l-oħra din seħħet. Il-Kenya mort - imma mhux bħala tabib!***

Kienet tassew esperjenza unika! Konna dsatax b'kollox, fosthom id-direttur tiegħi fil-formazzjoni Patri Franco. Mal-wasla tagħna fl-ajruport ta' Nairobi, wara titjira ta' seba' sigħat, kelli l-ewwel esperjenza: ħasbuni terrorista! Forsi ma temminnix - imma veru! Wara ħafna domandi ħallieni ngħaddi u sibna lil Raymond Tabone, soċju tal-MUSEUM, flimkien ma' xi soċi tal-lokal, jistennewna biex joħduna għandhom fejn konna se noqogħdu u naħdmu fossa tad-dranaġġ għall-iskola tas-snajja li qed jibnu f'Ruiru.

Meta wasalna d-dar kien hemm Leli Sammut, soċju wkoll, li għal tliet ġimgħat sħaħ qasam kamartu miegħi u ma' Franco. X'differenza mill-kunvent! Minn kamra waħdi spiċċajt ma' tnejn oħra! Ngħiduha kif inhi, jien ma kellix għax ingorr - il-bqija tal-grupp kienu qed jorqdu fuq saqqijiet ma' l-art. Jien kelli sodda. Iżda dan mhu xejn! Meta kien imissni mmur nżur xi familji skoprejt li f'kamra ftit ikbar minn fejn kont qed noqgħod jien, tgħix familja sħiħa - xi għaxra minn nies! Ma kellhomx ħafna affarijiet - lanqas in-neċessarju. *Għallmuni kif ngħix bi ftit affarijiet u naqsam ma' l-oħrajn. Fakkruni f'Ġesu li twieled fqir u qasam ħajtu magħna kif jagħmel kuljum fl-Ewkaristija!*

Il-maġġoranza tan-nies fejn konna ma kinux jaħdmu. Ħafna kienu jistennew barra t-triq forsi xi ħadd iħaddimhom. Ftakart fil-parabbola ta' l-Evanġelju. U darba minnhom ġratli waħda tal-parabbola! Magħna kellna xi żgħażagħ tal-lokal li kienu jgħinuna fix-xogħol u jien kont inkarigat biex fl-aħħar tal-ġimgħa nħallashom skond il-ftehim li għamilna! Ġimgħa minnhom, meta mort biex inħallashom, u tajthom lkoll indaqs skond il-ftehim, kelli ftit ta' l-inkwiet għax wieħed minnhom ma kienx ħadem il-ġurnata kollha (jien kont naf għaliex). Jien għamilt bħal tal-parabbola u tajthom kif ftehimt qabel. *Hawnhekk għaraft kemm hi reali u prattika l-Kelma ta' Alla!*

F'Ruiru mhux kbar biss kont nara barra, imma anke tfal: *street children*. Dawk l-aktar furtunati, li huma l-ftit, isibu lil xi ħadd bħal Rachel li kienet tiġborhom madwarha u tipprova tipprovdilhom saqaf fejn jorqdu, ikel x'jieklu u xi tagħlim akkademiku. Lil dawn it-tfal tnejn minn tal-grupp tagħna ħadmulhom xi sodod għax ma kellhomx fejn jorqdu. Meta

kont qed nitkellem ma' wieħed ġuvni li jgħin lil Rachel u staqsejtu kif inhuma, weġibni bir-riposta klassika li smajjnieha fil-film *Lion King*: **hakuna matata** *(no problem)*! Biex ngħid il-verità rrabjajt f'qalbi meta' qalli hekk! Ħtaftu u staqsejtu kif seta' jgħidli hekk fil-kundizzjoni li kienu qed jgħixu. Fil-pront weġibni: "*Father, we live by the grace of God!*". Tani l-akbar lezzjoni ta' kif tassew tiddependi totalment fuq Alla!

Dawk it-tfal inqas ixxurtjati, bħal Nelson u Theresa, kienu jgħixu barra t-triq, dejjem bl-istess ħwejjeġ. Kull meta tarahom jgħidulek *"food! food!"* jew *"bread!"*. Ħakkruni fin-neputijiet tiegħi li għadhom żgħar ukoll. Ma nimmaġinahomx jgħixu b'dak il-mod. Nelson u Theresa kienu jħobbu jaqbduli idejja u jiggranfaw miegħi. Ngħid il-verità kien jiġini mument ta' biża' - inħallihom jew le? Lin-neputijiet nerfagħhom jien. Dawn talbuni huma. Imma jekk nieħu xi marda? Kont ili xhur nittaqqab kontra l-mard kollu li wieħed jista' jieħu. Ftakart f'Patri Kurradu tagħna li llum jinsab il-ġenna. Meta kont postulant il-Kalkara kien jirrakkontali kif meta kien l-isptar mal-morda bit-TB uħud minnhom kienu jobżqu fuqu iżda xorta waħda kien jamministralhom is-sagramenti. Ftakart fil-patrijiet tagħna fl-isptarijiet f'Malta, li għalkemm llum teżisti aktar protezzjoni mill-mard, jinsabu dejjem esposti għal kull tip ta' mard. Fl-aħħar wasalt biex lil Nelson u Theresa naċċettahom u nerfagħhom! *Imbagħad għaraft l-imħabba ta' Alla li jaċċettani kif jien!*



Bro. Hayden Williams ma' tfal Kenjani.

Esperjenza li kelli li fetħitli qalbi għall-Ordni tagħna u għall-Knisja Universali kienet il-mawra qasira ta' ġurnata u nofs li għamilt mal-Viċi-Provinċjal, Patri George Bezzina. Żort il-kunvent tagħna f'Westlands fejn ltqajt ukoll ma' Patri Publius Cassar mill-Isla (bħali). Irrakontali xi esperjenzi tiegħu ta' meta kien għadu novizz u student u ħeġġiġni ħafna biex inkun Kapuċċin awtentiku. *Kemm għandhom rwol sabiħ l-aħwa anzjani fil-fraternità!* Minn hemm morna Langata fejn jgħixu l-post-novizzi (l-istess żmien ta' formazzjoni bħali). Huwa post fejn is-sbuħija tan-natura tispikka ħafna. Iżda is-sbuħija li għaraft li kont ma' żgħażagħ oħra ta' lingwa, nazzjon u kultura differenti minn tiegħi li qed nippruvaw ngħixu l-istess ħajja wara Ġesu, kienet isbaħ mis-sbuħija naturali. *Din hi s-sbuħija tal-vokazzjoni tagħna bħala fraternità!*

Wara ġimgħa xogħol, il-Ħadd kien jum mistenni għalina lkoll. Darba minnhom morna ċċelebrajna l-Ewkaristija fil-parroċċa li hi mmexxija mill-Kapuċċini tal-Viċi-Provinċja tagħna. Kien mument ta' festa! Kant kontinwu flimkien ma' ċapċip u żfin. "*No hurry in Africa!*" kienet kelma li ta' spiss kienu jgħiduha, iżda għall-quddiesa kienet tapplika b'mod partikulari! Dommna xi sagħtejn u nofs. Hekk għedt f'qalbi: "f'Malta n-nies trid tħeġġiġhom biex jiftħu ħalqhom u jfaħħru 'l Alla! Hawnhekk trid tħeġġiġhom biex jieqfu!" F'għajnejja rajthom nies li jemmnu. Niċċelebra l-Ewkaristija magħhom għaraft l-għaqda li hemm bejnietna kull darba li nitqarbnu. *L-Ewkaristija ressqitna qrib - biex ningħataw lil xulxin!*

Il-ferħ ma rajtux biss fil-quddiesa, imma anke matul il-ġurnata. Dal-fatt laqatni ħafna. Ma tistax tiddeskrivih imma hemm xi ħaġa f'qalb dawn ħutna li, għalkemm huma neqsin mill-ħwejjeġ materjali, huma għonja fl-ispirtu. U naħseb li huma ferħana għax jafu jagħtu u huma ħielsa minn ġewwa! Darba tajt ħelwa lil wieħed tifel. Daħħalha f'ħalqu, daqha u ħariġha biex jagħtiha lil ħaddieħor! Kelli biżżejjed għall-oħrajn, imma dan... għallimni li l-ferħ fil-ħajja jinsab meta wieħed jagħti u jingħata. Ftakart f'kelma li darba qalli d-direttur spiritwali tiegħi: "*A sad looking Franciscan is a scandal to the world!*" Hawnhekk għaraft aktar bis-sħiħ li l-ferħ huwa l-ogħla xhieda li nista' nagħti għal Ġesu bħala nisrani reliġjuż Franġiskan Kapuċċin. *IVA! Għax din hi s-sejħa tiegħi bħala żagħżugħ ikkonsagrat: li nagħti lili nnifsi lil Alla u 'l ħuti l-bnedmin! U dan hu l-ferħ tiegħi!*

Iż-żmien għadda u meta ħejjejt biex niġi lura l-bagalja kienet kważi vojta għax ħafna mill-affarijiet li tellajna kienu ikel u mediċina li ħallejna hemm. Mill-Kenja ġejt! Iżda l-bagalja ta' qalbi kienet mimlija b'dawn l-esperjenzi sbieħ li Ġesù tani. Iżda aktar minn hekk, qalbi ġiet mimlija b'imħabba ġdida li rċevejt minn dawn ħuti li qatt ma kont nafhom qabel!

*Grazzi Ġesu għal din l-esperjenza fejn għallimtni kif ninbidel f'dak li nirċievi kuljum: fik, fl-Ewkaristija li ta' kuljum tingħata għalija. Għinni ningħata lill-oħrajn bil-ferħ u nitolbok issejjaħ aktar qlub ġenerużi li jagħrfuk u jservuk fil-fqir u l-batut, u agħmel li nħallu lil dawn ħutna jevanġelizzawna f'dal-Ġublew Qaddis li qed niċċelebraw!* ❑

# Milied Kuban

minn P. Philip CUTAJAR ofm cap

## L-EWWEL PARTI



B'dan it-titlu għal dan l-artiklu ma rridx inqarraq bikom billi nagħtikom x'tifhmu li f'Kuba jeżisti xi Milied differenti mill-bqija tal-pajjiżi nsara l-oħra. Il-Milied huwa kullimkien l-istess fit-tifsira essenzjali tiegħu: it-twelid ta' Ġesù Kristu. Però fil-mod kif dan l-istess Milied jiġi ċċelebrat f'pajjiżi diversi huwa dejjem differenti. S'issa nista' nitkellem minn ħames pajjiżi li nzertajt fihom matul il-ġranet tal-Milied: l-Italja, Spanja, l-Ingilterra, California (U.S.A.) u issa Kuba. Nistqarr li s'issa mkien għadni ma sibt Milied iċċelebrat tajjeb u sabiħ daqs Malta. Jalla l-Milied f'Malta nkomplu nibżgħu għalih billi niċċelebrawh bħala festa nisranija. F'dan l-artiklu sejjer naqsam magħkom fil-qosor ftit riflessjonijiet dwar l-ewwel esperjenza tiegħi f'Kuba.

## IN-NOVENA

Xi ħaġa li hawnhekk jagħmlu enfasi fuqha, matul il-ġranet tal-Novena, hija ċ-Ċelebrazzjoni Penitenzjali Komunitarja. Din isservi bħala opportunità fejn in-nies, bi preparazzjoni kateketika dwar is-sagrament tal-qrar, jersqu ħalli jiċċelebraw dan is-sagrament. Kemm jiena kif ukoll P. Frans Baldacchino u Dun Pawl Buttigieg konna mpenjati matul in-novena billi morna f'diversi parroċċi fid-Djoċesi ta' *Santa Clara* ħalli ngħinu fil-qrar. Din għalija kienet esperjenza sabiħa u fl-istess waqt okkażjoni sabiex stajt inżur il-parroċċi tad-Djoċesi, insir naf aktar lill-Kappillani tagħhom u anke xi ftit lin-nies. Dawn iċ-ċelebrazzjonijiet saru wkoll fiż-żewġ parroċċi li tagħhom aħna l-Kapuċċini qegħdin responsabbli: dik ta' *La Pastora* u l-oħra ta' *Santa Ana*.

Matul in-novena, eżattament nhar is-17 ta' Diċembru, b'mod l-aktar fqir imma sabiħ, iċċelebrajt il-*Birthday* tiegħi. Xejn speċjali. Rigali xejn. Matul l-ikel ta' nofs in-nhar rajt kif għamilt u ddubbajt *cake*. Sajjarna ftit spagetti għax diġà jafu li nħobbuhom, u xi ħaġa mhux tas-soltu matul l-ikel ħadna flixkun *Coca-Cola*. Imma xi ħaġa li ninsab ferm ferħan biha kien it-talb ta' ħafna nies miż-żewġ parroċċi tagħna. U nemmen li anke intom, għeżież ħbieb tiegħi, minn Malta dak in-nhar ftakartu fija u tlabtu għalija. Nirringrazzja lil dawk li għall-jum il-*Birthday* tiegħi ċempluli biex jifirħuli u jassigurawni li qed jitolbu għalija u anke grazzi lil dawk li bagħtuli l-*Birthday Card*.



*Waqt il-Birthday ta' Fr. Philip fis-17 ta' Diċembru 1999. Fir-ritratt ta' fuq jidher Fr. Philip flimkien mal-Kardinal ta' Kuba, l-Eċċ Mons. Arċisqof Jame Ortega.*

## LEJLET U NHAR IL-MILIED

Għaċ-ċelebrazzjoni tan-*Noche Buena* - il-Lejl tal-Milied, kollox kien ippreparat tajjeb u bl-akbar entużjażmu. Knejjes indaf, artali mżejna mill-aħjar, presepju f'kull knisja flimkien mal-*Christmas Tree* u xi *poster* kbir b'xi messaġġ fuqu dwar it-tifsira tal-Milied magħqud maċ-ċelebrazzjoni tal-Millenju l-Ġdid. L-atmosfera fit toroq u fil ħwienet ma kienet taspira l-ebda sinjal tal-festa tal-Milied. Xi sett ta' bozoz żgħar kollha kuluri iteptpu f'xi ħanut, xi *Christmas Tree* u Bambin f'xi wħud mid-djar... imma daqshekk. Ma rridux ninsew li dan huwa t-tielet Milied li l-Kubani qed jiċċelebraw minn wara r-Rivoluzzjoni.

Fil-parroċċa ta' *Santa Ana*, P. Frans u jiena ċċelebrajna l-quddiesa tal-Lejl tal-Milied fis-6.00 p.m.

Dan kien l-aħjar ħin għan-nies tagħna fiċ-ċirkustanzi li ninsabu fihom u anke minħabba li ridna niċċelebraw Quddiesa oħra tal-Lejl tal-Milied aktar tard fil-Parroċċa l-oħra ta' *La Pastora*. Matul il-quddiesa f'*Santa Ana* kellna żewġ Magħmudijiet ta' żewġ tfajliet ta' 12-il sena, u seba' nisa ta' 'l fuq minn 45 sena li rċevew l-Ewwel Tqarbina. Dawn ilhom jiġu ppreparati għal din l-okkażjoni għal dawn l-aħħar sitt xhur. Minħabba ċ-ċirkustanzi li l-pajjiż għadda minnhom matul dawn l-aħħar 40 sena ħafna kienu dawk li abbandunaw il-knisja kattolika. Dan ġara f'xi wħud mill-ġenituri bħala konsegwenza hekk ġara wkoll f'uliedhom. Issa dawn qed jirritornaw. Qegħdin nagħtuhom katekeżi valida u soda b'eżami fl-aħħar tal-kors tal-katekiżmu.





*Fuq: Fr. Frans Baldacchino u Fr. Philip flimkien mat-tfal tal-Parroċċa ta' Santa Ana.*
*Isfel: Ikla ta' merħba lil Fr. Philip mill-Isqof ta' Santa Clara Mons. Arturo Gonzales, preżenti wkoll Fr. Frans Baldacchino u Fr. Paul Buttigieg.*

Għandna diversi adulti li bħalissa qed jiġu ppreparati għall-Magħmudija u għall-Ewwel Tqarbina. Kull min telaq il-prattika tas-sagramenti għal snin twal qed jingħata kors ta' katekiżmu qabel ma jiġi aċċettat biex mill-ġdid jerġa' jibda jqerr u jitqarben. B'hekk nistgħu almenu nkunu xi ftit ċerti li dawn it-talin jinbnew fuq sisien sodi biex ma jerġgħux jabbandunaw il-prattika tar-reliġjon kattolika. Qed jersqu lejn il-Knisja l-ġenituri u magħhom jersqu wliedhom. Qed jersqu l-ulied u magħhom jiġbdu lill-ġenituri tagħhom. Din hija waħda mill-akbar grazzji li bħalissa l-Mulej qed isawwab fuq Kuba. Din hija waħda mill-akbar sodisfazzjonijiet li kull missjunarju f'Kuba qed jagħmel esperjenza tagħha f'dan il-mument.

## ŻEWĠ KONĊESSJONIJIET

L-ewwel permess li l-Gvern ta kien dak li ħalla t-televiżjoni Kubana tagħti trasmissjoni ndiretta tal-ftuħ tas-Sena Mqaddsa, u rajna lill-Papa jiftaħ il-bieb tal-Bażilka tal-Vatikan bħala bidu għas-Sena tal-Ġublew il-Kbir. Minħabba f'hekk fil-Parroċċa *La Pastora* ħadna ħsieb biex inbiddlu xi ftit il-programm tal-Lejl tal-Milied. Bdejna fit-9.00 p.m. bil-kant tal-Milied u l-*pegeant* ippreparat mit-tfal u ż-żgħażagħ tal-parroċċa. Fl-10.0 xgħelna fil-knisja it-T.V. li ssellifna għall-okkażjoni u kulħadd seta' jara l-ftuħ tas-Sena Mqaddsa. Hekk, kif intemmet iċ-ċelebrazzjoni tal-ftuħ tas-Sena Mqaddsa mill-Papa, tajna bidu għall-funzjoni tal-Quddiesa tal-Lejl tal-Milied.

It-tieni permess li l-Gvern ta kien dak li nhar il-Milied wara nofs in-nhar stajna nagħmlu purċissjoni bl-istatwa tal-Bambin. F'Kuba mhawnx permessi għall-purċissjonijiet. Dak li aħna f'Malta neħduh *for granted* u forsi jdejjaqna għax aħna mxebbgħin bihom, hawnhekk huma għatxana għalihom u huma ferm apprezzati bħala espressjoni pubblika tal-fidi nisranija.

Il-purċissjoni bil-vara tal-Bambin kienet immexxija mill-Isqof Mons. Arturo Gonzales Amador. L-istess purċissjoni serviet bħala ftuħ tas-Sena Mqaddsa għad-Djoċesi ta' *Santa Clara* fejn l-Isqof fetaħ il-Bieb Prinċipali tal-kattidral iddedikat lil Santa Clara minn Assisi. Xi ħaġa interessanti matul il-purċissjoni u anke matul il-quddiesa kkonċelebrata fil-Kattidral kienet it-taħlita ta' folkor Kuban mal-Liturġija tal-Milied bis-sehem attiv tat-tfal u ż-żgħażagħ. Din hija xi ħaġa ferm nieqsa mill-funzjonijiet liturġiċi f'Malta. Donna nibżgħu mmissu l-liturġija ħalli ndaħħlu fiha dak li huwa wkoll ħaġa waħda maqgħud mal-poplu tagħna: il-folkor kemm fil-kant kif ukoll fiż-żfin. Nibżgħu li sejrin nitilfu s-serjetà tal-liturġija. Meta P. Frans u jiena rajna dak iż-żfin u smajna dak il-kant magħġun mal-folklor Kuban għedna lil xulxin: "Mur għamilhom Malta dawn!"

*(Ikompli fil-Ħarġa li jmiss)*

Kull korrispondenza ma' P. Philip Cutajar tista' tintbagħat f'dan l-indirizz:

Fr. Philip Cutajar ofm cap.
Parroquia La Pastora
C/Sindico, 4 entre Cuba y Villuendas
50100 Santa Clara (Villa Clara)
CUBA

Tel: 00 - 53 - 422 - 26 55 4    Fax 00 - 53 - 422 - 28 03 2

**Kull offerta b'risq il-missjoni tal-Kapuċċini f'Kuba tista' titpoġġa fl-Acc. No.: 444078871 (HSBC Bank) jew tingħata fl-Uffiċċju tal-Missjoni, Kapuċċini, Floriana.**

# Il-Misteru ta' l-Inkarnazzjoni u San Franġisk fil-Filatelija




minn P. Martin MICALLEF ofm cap

IT-TIENI PARTI

**7.** Fid-19 ta' Novembru 1975, għall-festa tal-Milied, l-Aitutaki, ħareġ serje ta' tnax-il bolla preżentati f'erba' trittiċi u fuljett mill-isbaħ. Il-bolla li tinteressana hija t-trittiku bil-valur ta' 6c kull waħda. Il-bolla turi l-affresk imsejjaħ *La Madonna dei Tramonti* - il-Madonna ta' nżul ix-xemx - għaliex f'dal-ħin, din ix-xbieha tiġi mdawla mir-raġġi tax-xemx li jidħlu mit-twieqi ta' quddiemha, fil-Bażilika Inferjuri ta' San Franġisk f'Assisi. Ix-xbieha hija kapulavur ta' Pietro Lorenzetti (1280-1348) u turi l-Madonna bil-Bambin f'idejha. Fuq ix-xellug hemm San Franġisk u fuq il-lemin San Ġwann l-Evanġelista. Il-Bambin qed juri subgħajh lejn San Franġisk, donnu qed jippreferi lil San Franġisk fil-konversazzjoni tiegħu ma' Ommu Marija.

**8.** Għall-okkażjoni tal-Milied ta' l-1976, jiġifieri fil-15 ta' Novembru 1976, Granada ħarġet sett ta' seba' bolli u fuljett. Il-bolla bil-valur ta' $3 hija rappreżentazzjoni tat-Taħdita Qaddisa mpittra minn Sandro Botticelli (1445-1510) *(ritratt isfel)*. Lil San Franġisk insibuh fuq in-naħa tal-lemin tal-Madonna li qiegħda



bilqiegħda fuq tron bil-Bambin f'ħoġorha. Il-figuri l-oħra li jidhru huma, (bilwieqfa) il-Madalena, San Ġwann Battista, Santa Katerina ta' Siena; (għarkobbtejhom) San Kosma u San Damjan. Il-kwadru nsibuh fil-*Galleria Degli Uffizi* ġewwa Firenze.

**9.** Fl-istess sena, fl-okkażjoni tal-festa tal-Milied, fil-11 ta' Diċembru 1976, l-Italja reġgħet ħarġet sett ta' żewġ bolli.

Dik li tinteressana ġġib il-valur ta' 120 L. Din turi pittura tal-Milied ta' Taddeo Gaddi (1300 c.-1366) li nsibuha fil-kappella Baroncelli fil-knisja ta' Santa Croce ġewwa Firenze. San Franġisk jidher wara l-figura ta' San Ġużepp fuq ix-xellug. F'dan l-affresk tal-pittur Fjorentin jidher sewwa l-influss tal-pittura ta' Giotto.







**10.** Bolla oħra fis-serje ta' sitta u fuljett maħruġa għall-Milied ta' l-istess sena, jiġifieri fit-18 ta' Diċembru 1976 hija dik ta' Togo u ġġib il-valur ta' 105f *(Ritratt fuq)*. Il-bolla li turi l-pittura ta' J. Carrucci, imlaqqam il-*Pontormo* (1494-1555), insibuha fil-*Galleria degli Uffizi* ġewwa Firenze. Din turi l-Madonna bil-Bambin Ġesù flimkien ma' żewġ qaddisin. San Franġisk li jinsab fuq il-lemin, għandu l-pjagi f'idejh, b'xagħru mqaxxra, u wiċċu jħares lejn il-Bambin u lejn Ommu Marija.

**11.** Fis-sena ta' wara, fil-31 ta' Ottubru 1977, għall-festa tal-Milied, il-Gżejjer Cook ħarġu bolla mill-isbaħ bil-valur ta' 75c u 5c. Il-bolla turi lill-Verġni Marija b'ilbies fin u bil-Bambin f'ħoġorha li qed jippreżenta ċ-ċwievet lil San Pietru *(ara isfel)*. Madwarhom insibu erba' qaddisin, tnejn minnhom Franġiskani.

Lil San Franġisk ta' Assisi, nofsu moħbi mit-tron, insibuh fuq in-naħa tax-xellug, b'idejh u l-kustat minfudin bil-pjagi. San Ludovico da Tolosa nsibuh fuq il-lemin fuq quddiemnett, liebes l-ilbies pontifikali fuq il-labtu franġiskan; f'idejh għandu l-baklu u l-mitra. Il-pittura li ġġib il-firma ta' *Opus Caroli Crivelli Veneti* (1430-1493) kienet tagħmel parti mill-*Pala* ta' l-altar fil-knisja tal-Patrijiet Minuri Osservanti f'Camerino (Macerata), l-Italja. Illum dil-pittura tinsab f'Berlin, fil-Musew ta' Staatlichen.







**12.** Għall-Milied ta' l-1980, jiġifieri, fil-5 ta' Diċembru 1980, il-Penrhin (il-Gżejjer Cook ta' Fuq), ħarġu sett ta' tliet bolli u fuljett. Il-bolla li tinteressana hija dik li għandha fuqha l-valur ta' 70c+5 *(ritratt fuq)*. Din tirrappreżenta dik li hija msejħa *Il-Verġni ta' Albocager* li qiegħda bilqiegħda fuq tron bil-Bambin Ġesù.

Lil San Franġisk insibuh għarkobbtejh, fuq in-naħa tax-xellug. Il-Bambin qed iressaq idejh lejn il-qaddis ta' Assisi, filwaqt li l-Madonna qiegħda tħares lejh ukoll. Fuq kull naħa nsibu bosta anġli. Hija tassew il-Madonna ta' l-Anġli. Hekk hija msejħa l-kappella ċkejkna f'Assisi li fiha San Franġisk waqqaf l-Ordni Franġiskan. Il-pittura hija xogħol tal-*Maestro della Porziuncola* (Seklu XV).

*(Ikompli fil-Ħarġa ta' Marzu)*

minn Bro. Andrè AZZOPARDI ofm cap



# nitkellmu ma' Patri ANTON AZZOPARDI

**• Għażiż P. Anton, minn fejn int u kif ġietek is-sejħa biex tidħol mal-Kapuċċini?**

Jiena twelidt il-Marsa u ġejt imgħammed fil-Knisja tat-Trinità Qaddisa. Kien għammidni z-ziju (ħu ommi) li kien Dumnikan. Kelli wkoll iz-ziju ta' missieri, P. Feliċ minn Għawdex, Kapuċċin. Meta tfarfart mhux ħażin kont immur il-knisja għall-quddies u għalhekk sirt midħla tal-patrijiet tal-parroċċa. Tħajjart insir Kapuċċin jien ukoll. Allura bdejt immur l-iskola ta' l-istess patrijiet li kienet tissejjaħ 'Skola Serafika'. Flimkien ma' erba' żgħażagħ oħra bdejt in-novizzjat fil-kunvent ta' Għawdex fis-16 ta' Jannar 1944.

**• L-ambjent tal-familja żgur li għenek biex tilqa' s-sejħa tal-Mulej. X'taħseb?**

Ma naħsibx li għandi xi nżid wisq fuq l-ambjent familjari li għenni bil-bosta. Missieri kien iħobb jgħid ir-rużarju anki man-nies ġirien tagħna u nies oħra li kienu joqogħdu fuq il-għetiebi. Minħabba f'hekk x'uħud kienu jsibuh bħala 'Ġużeppi tar-rużarju'. Hawnhekk nixtieq napprofitta ruħi biex inħeġġeġ lil kulħadd, l-aktar lill-ġenituri biex jidraw jgħidu r-rużarju kuljum fil-familja, kif trid il-Madonna.

**• X'ħidma wettaqt fil-Provinċja?**

Wara li ġejt ordnat saċerdot, l-ewwel ħidma tiegħi kienet bħala ekonomu fil-kunvent tal-Kalkara fis-snin 1952-54. Ekonomu jfisser tkun responsabbli għall-ħtiġiet tal-komunità, speċjalment f'dawk il-ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma' ikel, eċċ.

Wara l-Kalkara kont bdejt naħdem bħala kappillan fl-isptarijiet u l-ewwel ma bdejt kien l-Imgieret fl-1955. Domt hemmhekk tliet snin. Mill-Imgieret bagħtuni Santu Spirtu, ir-Rabat, u wara Lazzarett fi żmien l-epidemija tal-*polio*. Għamilt ukoll xi żmien Monte Carmeli, Ħaż-Żmien u spiċċajt Rużar Briffa. Insomma tista' tgħid li dort kważi l-isptarijiet kollha.

Barra minn ħidma f'Malta, kont mitlub, fl-1981, nagħti l-għajnuna tiegħi lill-Provinċja Kapuċċina ta' Napli fl-Italja, fejn kont kappillan fl-isptar *Vecchio Pellegrini* u domt hemmhekk ħdax-il sena u nofs. Irriturnajt Malta għal raġunijiet ta' saħħa u f'Settembru 1988 ġejt mitlub mill-ġdid biex nerġa' mmur Napli. Did-darba bħala kappillan fil-*Primo Policlinico*.

**• Naf li għandek għal qalbek il-Beatu P. Piju minn Pietrelcina u ktibt ukoll il-ħajja tiegħu. Kif bdiet din l-imħabba u nxterdet permezz ta' ħidmietek f'pajjiżna?**

Dwar id-devozzjoni lejn il-Kapuċċin tal-Pjagi din bdiet l-aktar minħabba li z-ziju Dumnikan kien dilettant ħafna tal-fotografija u fis-snin tletin kien iħobb jagħmel ir-ritratti-kartolini ta' P. Piju, li dak iż-żmien kien beda jiġi magħruf f'bosta pajjiżi tad-dinja. Ta' tfal li konna, speċjalment jien u ħija (P. Mario) konna nieħdu pjaċir inqassmu dawn ir-ritratti. Anki d-dar kienu jitħaddtu ħafna fuq P. Piju. Aktar ma bdejt nikber aktar kompliet tikber fija din id-devozzjoni u kont nixtieq ħafna li xi darba jkolli x-xorti li narah. Meta dħalt mal-Kapuċċini sirt aktar devot lejh u kien irnexxieli mmur inżur Pietrelcina u San Giovanni Rotondo fis-sena 1969, jiġifieri sena wara l-mewt tiegħu. Kif ġejt lura ddeċidejt li nibda nwaqqaf il-'Gruppi ta' Talb' u anki kont nikteb xi artiklu fil-gazzetti. B'dan il-mod, bla ebda mertu tiegħi, għent ħafna biex il-Maltin u l-Għawdxin isiru jagħrfu lil P. Piju u jsiru wkoll devoti tiegħu. L-ewwel Gruppi li waqqaft kienu l-Mosta u Tas-Sliema.

Barra mill-Gruppi, li llum huma xi 25, fl-1976 kont għamilt bust ta' P. Piju, maħdum mill-Kav. Alf. Camilleri Cauchi. F'dik l-istess sena kont ippubblikajt l-ewwel ktieb fuq P. Piju bil-Malti. Kienu twaqqfu wkoll żewġ kumitati biex saru żewġ monumenti tal-bronż, wieħed Malta u l-ieħor Għawdex. Għall-grazzja ta' Alla d-devozzjoni lejn il-Kapuċċin tal-Pjagi xterdet kullimkien fil-Gżejjer tagħna. Barra mill-ktieb li kont ippubblikajt, kont ktibt ħajja oħra fl-1995. Issa qed naħsbu biex noħorġu t-tielet edizzjoni tal-ktieb b'aktar tagħrif speċjalment wara l-beatifikazzjoni. *(Ikompli f'paġna 23)*

## Kappillan ġdid għall-Parroċċa tat-Trinità Mqaddsa, Marsa

Ħuna **P. Emanuel Abela** għadu kemm ġie maħtur Kappillan ġdid għall-Parroċċa tat-Trinità Mqaddsa, il-Marsa. P. Emanuel twieled il-Marsa fit-23 ta' Ġunju, 1957. Beda n-novizzjat fl-20 ta' Settembru 1978 fil-kunvent tagħna ġewwa Għawdex. Huwa ġie ordnat Presbiteru fid-29 ta' Ġunju 1984. Matul is-snin li ilu saċerdot, P. Emanuel ħadem f'diversi oqsma differenti, fosthom bħala kappillan fl-Isptar St Vincent de Paule u fl-Isptar San Luqa. Huwa kien ukoll Gwardjan tal-fraternità ġewwa l-parroċċa ta' San Ġwann u fix-Xemxija.



P. Emanuel Abela beda l-ħidma pastorali tiegħu bħala Kappillan ġdid nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Jannar 2000.

Filwaqt li nifirħulu u nawgurawlu f'din il-ħidma ġdida li daħal għaliha, nixtiequ nuru l-apprezzament u r-ringrazzjament tagħna lil Ħuna P. Effie Mallia tax-xogħol siewi li wettaq matul dawn l-aħħar seba' snin bħala Kappillan tal-Parroċċa tat-Trinità Mqaddsa. P. Effie issa ser jaqdi l-ministeru tiegħu bħala viċi fil-paroċċa ta' San Ġwann. Bħalissa jinsab Ruma biex jagħti s-sehem tiegħu bħala konfessur fil-Vatikan fl-okkażjoni tal-Ġublew Imqaddes.

## Oħtna l-Mewt Iżżurna



Oħtna l-Mewt żaritna fil-bidu tas-sena l-ġdida meta nhar it-Tnejn, 10 ta' Jannar 2000, il-Mulej għoġbu jsejjaħ għal għandu lil **Ħuna Patri Renat Spiteri**, Kapuċċin, fl-età ta' 93 sena. Il-mewt tiegħu ġrat fid-dar tal-Kleru, B'Kara. Il-funeral sar nhar l-Erbgħa, 12 ta' Jannar, fil-knisja tagħna fil-Floriana. Patri Crispin Tabone, Provinċjal, mexxa l-konċelebrazzjoni flimkien ma' numru sabiħ ta' saċerdoti u reliġjużi. Wara ġie midfun fiċ-Ċimiterju Santa Marija Addolorata, Raħal Ġdid. R.I.P.



*Uħud mill-Aħwa li fakkru xi anniversarju waqt it-tiġdid tal-Wegħdiet tagħhom.*

## • Anniversarji ta' l-Aħwa Kapuċċini

Nhar il-Ħamis, 30 ta' Diċembru 1999, saret laqgħa għall-Aħwa kollha tal-Provinċja fl-okkażjoni tal-Milied, fejn, barra t-talb u l-parti rikreattiva, ġew imfakkra l-Aħwa li matul l-1999 kellhom xi anniversarju:

**50 sena Presbiteru:** Ħuna Leopoldu Tabone.
**50 sena Profess Temporanju:** Ħuna Joe Garzia.
**50 sena min-Novizzjat:** Ħutna Mikiel Agius, Adrian Portelli, Pietru Pawl Schembri, Pelaġju Bilocca u Joe Mallia.
**25 sena Presbiteri:** Ħutna Anthony Dimech, Leonard Falzon, Carmel Dimech, Anthony Mompalao, Anthony Briffa, Publius Mair, Joe Galea, Philip Cutajar, Richard Bonnici u Emanuel Barbara.
**25 sena Professi Temporanji: Ħutna Joe Saliba u Alfred Scerri.**

Lil dawn l-Aħwa kollha nawgurawlhom u flimkien magħhom irroddu ħajr 'l Alla.

## P. Frans Baldacchino lura Malta minn Kuba



Nhar it-Tlieta, 4 ta' Jannar, Ħuna P. Frans Baldacchino, li għal din l-aħħar sena kien qed jaħdem bħala missjunarju f'Kuba wara 24 sena fil-missjoni tal-Kenja, qiegħed fostna għal ftit ta' mistrieħ. Mistenni li jkompli l-ħidma missjunarja tiegħu fil-Kenja. Nawgurawlu!

## ĠEDDIDTU L-ABBONAMENT?

Jekk le ibgħat Lm4 flimkien ma' l-isem u l-indirizz tiegħek lil:
EDITUR DAWL FRANĠISKAN
KUNVENT TAL-KAPUĊĊINI
FLORIANA VLT 14

# KRISTU: Il-Ġublew Tagħna

minn P. Publius MAIR ofm cap

It-Testment il-Ġdid huwa l-milja tal-wegħdiet li Alla għamel matul iż-żminijiet mal-Lhud, il-ġens li hu għażel għalih minn ħdan Abraham (Ġen 12, 7; Rum 11, 28). Il-milja tal-wegħdiet ta' Alla titwettaq fil-ġrajja ta' l-istorja tal-bniedem f'Ġesù Kristu, "Il-Midluk", l-Iben tal-Missier li fiż-żmien isir bniedem fil-ġuf ta' Marija u minnha jitwieled bħala bniedem (Lq 1, 26; Fil 1, 7; Gal 4, 4-5).

Ġesù hu l-Messija, il-midluk minn Alla u għal Alla. Għalkemm Ġesù hu sultan (Ġw 18, 37), madankollu huwa differenti mis-slaten kollha li ħakmu fuq Iżrael. Is-slaten ta' Iżrael kienu jkunu midluka biż-żejt b'rit ta' konsagrazzjoni (1 Sam 9, 16; 2 Sam 2, 4) għaliex il-missjoni tagħhom kienet waħda partikulari: dik li huma jkunu garanti tal-ħarsien tal-poplu Lhudi għall-Patt tas-Sinaj. Is-slaten ta' Iżrael kienu jiġu midluka biż-żejt taż-żebbuġ biex ikollhom il-qawwa li jimxu ta' garanti għall-Patt tas-Sinaj f'isem il-poplu Lhudi.

## ĠESÙ: IL-MESSIJA

Ġesù, li hu msejjaħ Kristu (midluk - Messija), huwa mogħti dan it-titlu fil-kitbiet tat-Testment il-Ġdid (Mt 26, 63-65; Mk 11, 1-11) u bħala tali huwa magħruf. Iżda Ġesù nnifsu qatt ma sejjaħ lilu nnifsu bħala l-Messija għajr fl-aħħar parti tal-ħajja tiegħu hawn fuq l-art. Fi żmien li fih għex Ġesù, l-istennija tal-Messija kienet qawwija ħafna fost il-Lhud (Lq 3, 15). Iżda t-tifsira tal-Messija kienet differenti fost il-Lhud infushom.



Kien hemm min qed jistenna lill-Messija bħala dak li kellu jiġi fid-dinja sabiex jagħti darba għal dejjem ħelsien politiku lil-Lhud u b'hekk jeħlishom mill-għedewwa tagħhom (Lq 1, 74). Oħrajn kienu qed jistennew li l-Messija kellu jkun profeta kbir (Ġw 4, 25), waqt li oħrajn kienu jsostnu fuq il-kitbiet tal-profeti li l-Messija kellu jiġi minn Betlehem (Mik 5, 2). Oħrajn kienu qed jistennew li l-Messija jdum għal dejjem (Ġw 12, 34). Dawn l-istenniji twettqu kollha fi Kristu Ġesù. Huwa hu l-profeta per eċċellenza għax mhux biss tkellem imma tkellem b'setgħa, u waqt li hu Alla kien bniedem ukoll fl-istess ħin. Hu kien jgħallem bil-parabboli, stejjer ċkejknin sabiex kull min jisimgħu jkun jista' jifhem il-messaġġ tiegħu (Mk 4, 13-20). Huwa dak li ġie biex jeħles mhux mill-ħakma ta' xi setgħa tal-bnedmin imma ġie biex jeħles lill-bnedmin kollha mill-veru jasar, il-jasar tax-xitan. Id-dnub huwa dak li jġiegħel lill-bniedem jintefa' fl-iskjavitù tax-xitan, u għal dan il-għan Ġesù ġie midluk sabiex, kemm bit-tagħlim kif ukoll bl-eżempju tiegħu, kull min ikun irid jimxi warajh jagħmel bħalu (Mt 4, 1-11). L-għan ta' Ġesù bħala l-midluk tal-Missier kien li jġib fix-xejn is-setgħa tax-xitan (Mk 1, 21-28). Huwa jdum għal dejjem għaliex hu ħaj bil-qawmien mill-imwiet (Mt 28, 1-15; Lq 24, 1-12; Ġw 20, 1-10).

Mhux darba u tnejn Ġesù rrifjuta li jagħmluh sultan hawn fuq l-art, l-aktar wara l-miraklu tat-tkattir tal-ħobż. Hu ġie biex iniegħed **is-sena tal-grazzja tal-Mulej** li fiha tidher il-qawwa ta' l-imħabba ta' Alla għall-bniedem. Dak li Ġesù kien jitlob minn dawk kollha li jisimgħuh kien li jemmnu fih u fil-kelma tiegħu (Mt 15, 21-28). Temmen fi Kristu jfisser li tilqgħu fil-ħajja tiegħek u timxi fuq it-tagħlim li huwa nnifsu mhux biss ippriedkah imma wkoll għexu. Hu f'dan ir-rigward li tagħraf lil Kristu bħala l-Messija.

## ĠESÙ: IL-FERĦ TAGĦNA

Fit-twelid ta' Ġesù l-anġli għannew l-għanja tal-paċi (Lq 2, 14). Ġesù bit-twelid tiegħu kien qed iġib il-paċi li Alla, għal darb'oħra, kien qed joffri lill-bnedmin wara l-waqgħa ta' Adam u Eva. U Ġesù jerġa' jtenni b'qawwa l-paċi vera wara l-qawmien tiegħu mill-imwiet (Ġw 20, 19-23). Bħalma kien fit-twelid tiegħu hekk ukoll Ġesù fl-aħħar, qabel ma tela' s-sema, reġa' ta lill-appostli tiegħu l-paċi u l-ferħ li l-vera paċi ġġib magħha.

Il-paċi ta' Kristu mhix mibnija fuq nuqqas ta' gwerer, ġlied u mibgħeda imma hija iktar profonda għaliex mibnija fuq ir-rabta ma' Alla u mal-bnedmin kollha. Hija paċi mimlija b'imħabba altruwista li twassal lilu sabiex jagħti ħajtu għall-kotra (Ġw 15, 11-13).

Meta Ġesù beda l-ministeru pubbliku tiegħu fis-sinagoga ta' Nazaret (Lq 4, 16-19) hu wera kif kellu jkun il-ferħ li jagħti hu. Il-ferħ ta' Kristu huwa li jagħmel is-sena tal-grazzja mhux marbuta mat-tnax-il xahar tal-kalendarju imma era ġdida li hija għal dejjem.

Din is-sena ta' grazzja hija mibnija fuq ir-rikonċiljazzjoni tal-bniedem ma' Alla tul il-ħajja tiegħu fuq l-art, u ta' rikonċiljazzjoni sħiħa ma' ħutu l-bnedmin kollha mingħajr distinzjoni ta' razza, lewn, jew twemmin. Dan hu l-ferħ ta' dejjem li qed jagħti Alla f'Ibnu Ġesù bil-qawwa ta' l-Ispirtu tiegħu, għaliex meta Ġesù jsir l-iskop tal-ħajja tal-bniedem hemm ikun hemm tassew il-bniedem il-ġdid. Il-bniedem, li hu maħluq fuq xbieha ta' Alla (Ġen 1, 26-27), fi Kristu jerġa' jsib l-istat oriġinali tiegħu.

Fit-Testment il-Ġdid ma jissemma xejn dwar il-ġublew li kien hemm fil-kalendarju liturġiku Lhudi, u dan bir-raġun kollu. Kull persuna li tiltaqa' u tilqa' lil Kristu sħiħ f'ħajjitha jkollha ġublew kontinwu għaliex huwa Kristu biss li jagħti l-veru ferħ lill-bniedem (Lq 5, 34); u l-ferħ ta' Kristu huwa esperjenza reali. L-insara tal-bidu kienu jgħixu mimlija ferħ għaliex kienu jemmnu li Ġesù huwa f'nofshom (Atti 5, 41).

Anki waqt il-persekuzzjonijiet li għaddew minnhom kienu kuntenti għaliex kienu ferħanin li qegħdin ibatu għal Kristu. Wara kollox, biex wieħed jikseb il-ferħ ta' Kristu, irid imut għalih innifsu biċ-ċaħda tiegħu nnifsu (Mk 8, 34-36). San Pawl ukoll, li għadda minn tant provi l-aktar iebsa waqt li kien marbut bil-ktajjen fil-ħabs, iqawwi lill-insara ta' Kolossi: "Jien issa nifraħ fit-tbatijiet tiegħu" (Kol 1, 24).

Dan hu l-ġublew tagħna fi Kristu: ferħ li ġej mir-rabta' ta' qalbna mar-rieda ta' Alla dejjem, u mħabba vera u maħfra lil kull min jixtieqilna d-deni (Mt 5, 38-42). ❑



minn P. William AXIAQ ofm cap

*Ix-xjenza, it-teknoloġija u l-mediċina mhux biss qegħdin ifejqu l-bniedem minn ħafna mard anki serju ħafna, talli waslu biex, taħt ċerti aspetti, jiddeterminaw l-evoluzzjoni tiegħu u tar-razza kollha tal-bnedmin. Aspett minnhom huwa l-cloning. Tista' tgħidli xi jfisser eżattament dan it-terminu tekniku, għax għadu mhux ċar quddiem għajnejja, avolja qrajt ħafna fuq hekk? Tista' tgħidli hux moralment permess?*

Aldous Huxley fi *"Brave New World"*, ktieb li kien ħareġ fit-tletinijiet u għamel ħoss kbir, kien diġà bassar li se naslu għal din il-possibbiltà ta' manipolazzjoni ġenetika fuq il-bniedem. U hekk ġara kif kien qal hu. Din l-isperimentazzjoni teknikament tissejjaħ *cloning*.

B'dan it-terminu li tant jissemma fi żmienna nifhmu numru ta' individwi li jkunu jixbhu 'l xulxin f'kollox, bħat-tewmin, li jistgħu jkunu tnejn, tlieta, sitta jew iżjed, li jkunu ħarġu mill-istess ċellula.



Din il-proċedura diġà ġiet imħaddma fuq annimali u kienet suċċess, għax tat riżultati pożittivi, kif nafu. Għad jiġi żmien, iżda, meta dan il-metodu jibda jiġi applikat ukoll fuq il-bniedem. Ix-xjenza lejn dik in-naħa qed timmira, maħkuma kif inhi minn kisbiet azzardati.

Dan il-proċess jew possibbiltà fiex jikkonsisti? Tittieħed mill-ovarji tal-mara bajda mhux iffertilizzata mill-isperma tar-raġel. Minnha titneħħa l-parti ewlenija tagħha, dak li jgħidulu nuklu. Minfloku jitpoġġa ġewwa l-ovulum nuklu ieħor meħud minn ċellula ta' persuna magħmula, raġel jew mara. Din iċ-ċellula tista' tittieħed minn kwalunkwe parti tal-ġisem, bħal ngħidu aħna, mill-ġilda, jew mill-imsaren. Il-bajda mbagħad bin-nuklu l-ġdid ġo fiha titpoġġa fil-ġuf tal-mara biex tkompli tiżviluppa normalment, daqslikieku kienet ġiet iffertilizzata mill-element ġenerattiv tar-raġel.

It-tarbija li titwieled tkun fula maqsuma ta' l-individwu li miċ-ċellula tiegħu x-xjenzati jkunu siltu dik il-parti jew l-oħra mill-organiżmu tiegħu jew tagħha. Il-persuna li titwieled ikollha l-istess sess, l-istess kromosomi, l-istess intelliġenza, l-istess natural ta' dak l-individwu li semmejt fuq. Il-*cloning* mhix biss manipolazzjoni ta' individwu wieħed, iżda tar-razza umana kollha kemm hi. Fit-teorija tista' twassal għal soċjetà umana magħmula minn nisa biss, mingħajr ebda raġel. Ara xi tbagħbis!

Barra minn hekk - u din hija l-iżjed ħaġa importanti - manipolazzjoni ta' din il-kwalità tmur għal kollox kontra l-pjan u l-liġi eterna ta' Alla fejn jidħol it-tnissil tal-bniedem. Alla ħasbu u fasslu mod ieħor. Teqred għal kollox is-sess u s-sesswalità bħala espressjoni ta' mħabba bejn ir-raġel u l-mara fiż-żwieġ. Minħabba din ir-raġuni, il-*cloning* hi proċedura moralment illeċita u ksur gravi ħafna tal-liġi naturali. ❑

**Ibgħatulna BOLOL u TELECARDS użati. Int ma titlef xejn, u aħna naqilgħu minnhom għall-Missjoni.**

# Biżżejjed il-Kredu?



minn Stephanie CASSAR gi.fra.

Reġa' wasal Frar, u miegħu t-tifkira tan-nawfraġju ta' San Pawl, u l-importanza li dan kellu fit-tixrid tal-Kelma ta' Alla fi gżiritna.

Għaddew mijiet ta' snin minn din il-ġrajja, saru bidliet kbar madwarna, iżda l-fidi baqgħet waħda.

Il-fidi tagħna nistqarruha kull nhar ta' Ħadd waqt il-Kredu. Iżda dan biżżejjed? Għaliex ma' nistqarruhiex ukoll bl-eżempji u bl-aġir tagħna ma' l-oħrajn fuq il-post tax-xogħol, fl-iskola, fil-ħin liberu u fl-ambjent tal-familja?

Kultant naħsbu li l-fidi tagħna aħjar naħbuha, ma nuruha lil ħadd għax nistħu jew naħsbu li dawk affarijiet ta' quddiesa darba l-Ħadd. M'għandux ikun hekk, anzi għandna nagħtu eżempju bil-fidi tagħna lil ħaddieħor biex ngħinu lil xulxin nissaħħu aktar fil-fidi. Kemm-il darba mort tiekol barra mal-ħbieb u lanqas għaddielek minn moħħok li tirringrazzja lil Alla ta' l-ikel li pprovdielek, għax taħseb li wara jgħidu bik? Nagħmlu l-qalb u ma nibżgħux minn dan, għax, wara kollox, 'ħbieb' li jgħaddu ż-żmien bik għax tagħmel ħaġa tajba ma huma ħbieb xejn!

U xi ngħidu għall-ħin liberu u d-divertiment? Tara xi żgħażagħ li jaħsbu li l-ferħ tagħhom se jsibuh fix-xorb, fid-drogi, jew f'xi vizzji oħra - affarijiet li żgur imorru kontra l-fidi tagħna ladarba aħna nemmnu f'Alla li tana l-kmandament 'la toqtolx' li jinkludi fih innifsu d-dmir li nieħdu ħsieb saħħitna. Ħafna huma dawk iż-żgħażagħ li jiddevertu mingħajr ma jaqgħu bil-vizzji - sinjal li dan għadu, u żgur li jibqa', possibbli. Il-fidi tagħna mhix toħnoqna iżda qiegħda tgħinna.

Tajjeb li kultant nagħtu ħarsa lejna nfusna biex naraw kif qegħdin ngħixu l-fidi tagħna fiċ-ċirkustanzi, kultant diffiċli, li nsibu ruħna fihom illum. Nittamaw u nitolbu lill-Mulej biex jagħtina d-don tal-fidi sħiħa fih, filwaqt li jgħinna ngħixu din il-fidi għall-ġid tagħna u ta' dawk ta' madwarna. ❑

## QADI BLA PRETENSJONI

# Spirtu ta' Qadi fil-ħajja tat-Terzjarji

minn P. Frans ABELA ofm cap

Il-figura tal-bniedem Alla mħażżem b'fardal, iqandel żingla li fiha ħasel riġlejn l-appostli, u l-figura l-oħra dik ta' Franġisku wiċċ imbwiċċ ma' mġiddem midgħi li jisħet kollox u jkellem ħażin lil kulħadd, qatt ma għandhom imorru minn quddiem il-Franġiskan Sekular li qatagħha li jgħix l-Evanġelju kif għexu Franġisku. Huma jgħallmuh jaqdi f'kull ċirkustanza li magħha jiltaqa' matul il-ġurnata. Bil-ħasil tar-riġlejn Ġesù rawwem lill-Appostli kif jaqdu, filwaqt li fit-tindif tal-feriti ta' l-imġiddem Franġisku wera kif uliedu għandhom jaqdu, inaddfu l-erwieħ u jressquhom lejn Alla. Dawn huma l-mirakli li jwettqu dawk li jaqdu lill-proxxmu għall-imħabba ta' Alla.



*Ġesù jaħsel saqajn San Pietru.*
*Pittura ta' Ford Madox Brown, Tate Gallery, Londra.*

Il-Franġiskan Sekualri jilħaq il-perfezzjoni ta' l-imħabba mhux kemm ser ikun perfett ta' kif l-aħjar jaqdi, imma b'dak l-ispirtu ta' servizz li bih jingħata biex b'ħiltu kollha jaqdi fil-familja, fuq ix-xogħol u fil-fraternità, u hekk jgħaddi ħajtu kollha "jilqa' lill-bnedmin kollha b'qalb ħelwa u umli bħala għotja tal-Mulej u xbieha ta' Kristu" (Regula OFS 13).

Fiż-żmien li fih qed ngħixu meta ġieli jagħti l-kas li min hu mqiegħed għas-servizz ta' l-oħrajn jinqeda bil-pożizzjoni tiegħu biex biha jagħmel kapital personali, il-Franġiskan Sekular irid ikun ħieles minn kull tellieqa għall-ħatfa u għall-ħakma, "jagħmel dmiru sew" b'responsabbiltà, b'kompetenza u mingħajr interess "fi spirtu ta' qadi nisrani" (Reg ofs 14).

Fiż-żmien meta xi drabi s-servizz pubbliku jinbidel f'wieħed ta' prestiġju, fejn flok wieħed ta ħaqq lil min ħaqqu, il-Franġiskan Sekular għandu joqgħod attent li ma jħallix li s-setgħa titla' għal rasu u tinbidel f'karriera li tissarraf fi qligħ personali. Għandu jgħix kontinwament l-ispirtu ta' qadi fil-familja, fis-soċjetà u fl-ambjenti tal-knisja.

Tkun verament ħaġa assurda għall-Franġiskan sekular li, quddiem tant nies emarġinati jistennew bil-ħniena li jiltaqgħu ma' xi ħadd lest li jgħinhom, quddiem tant ġenituri mbikkija minħabba wliedhom ilsiera tad-droga, quddiem tant familji mfarrkin minħabba xi kriżi fiż-żwieġ tagħhom, jibqa' passiv u ma jħossx li għandu jittempra l-ispirtu tiegħu ta' qadi, u jinbidel f'ħanin Samaritan u jsir l-id il-leminija ta' tant qlub muġugħa. Proprju bis-saħħa ta' dan l-ispirtu għandu jħoss il-ħtieġa li jkun sensibbli ħalli jmidd idu f'ħidma partikulari li qed issir dejjem iżjed urġenti u indispensabbli, dik tal-volontarjat.

L-esperjenża tiegħu ta' qadi jgħinuh jagħti kontribut utli ħafna f'dan il-qsam. Barra minn Malta, gruppi ta' Terzjarji organizzati ħafna, ilhom qatiħ iddedikati għal dax-xogħol. Aħna x'qed nistennew biex noħorġu nixbhuhom? ❑

# BUGANVILLA

minn Lina BROCKDORFF ofs

Żgur li ftit kienu l-ixxurtjati bħal ommu u ħutu li kellhom villa bħal ma kellhom huma. Pierre seta' jgħid li l-villa kellu sehem minnha hu wkoll, imma għal issa dan ma kienx iħossu. Kien ilu xhur lura mill-Kanada, tliet xhur f'dik il-villa ma' tal-familja, u għaddiet sena minn mindu mietet Charisse ... ipprova ma jkomplix jaħseb fuq dak il-fil. Kien jinħtieġlu li jinsa. Qal u fakkar lilu nnifsu għal elf darba li mhux ser iġibha lura billi jibkiha, billi jaħseb fiha. Minn fuq is-sodda fejn kien intefa' bil-ħwejjeġ b'kollox dawwar ħarstu lejn iż-żewġ twieqi, waħda kull naħa tal-kamra li kienet kantuniera.

Din kienet saret kamartu. Ħa grazzja magħha mill-ewwel għalkemm dawn l-aħħar snin kien dara jgħix fi kmamar iżgħar ġewwa l-Kanada. Sa tliet xhur ilu kien għadu qatt ma raha din il-villa t'ommu li tlestiet xi ħames snin ilu. Ommu dejjem kellha f'moħħha li meta Pierre u l-familja jiġu lura għal btala ttihom dik il-kamra.

Veru li kienet ġratlu waħda tinkiteb, imma kemm kien ikun agħar li kieku ma kienx hemm huma, tal-familja madwaru. Kienu jieħdu paċenzja kbira bih. Qalulu aktar minn darba li hemm kienet daru, ma jonqsu xejn, kien qisu prinċep!

Bi flus żgur li ma kellux problemi. Ġab kemxa miegħu mill-Kanada. Ommu kellha biżżejjed biex li kieku ried lanqas biss kien hemm ħtieġa li jaħdem kemm idum ħaj. Barra minn hekk sab impieg ukoll, għalhekk flus kellu aktar minn biżżejjed għalih u għaż–żewġ uliedu.

Imma jaħasra l-bniedem bilkemm jilħaq iwitti ntopp li ma jħabbatx wiċċu ma' ieħor! Issa li l-intoppi materjali l-aktar finanzjarji kienu solvuti, ħass li kien hemm xi ħaġa oħra li qed tinkwetah. Dam żmien twil iħoss taqlib ġewwa fih u fl-aħħar irnexxielu jqiegħed f'linja ta' ħsieb u ta' kliem, konfużjoni ta' emozzjonijiet, li bħal tempesta ħarbtu mhux biss il-paċi ta' qalbu imma saħansitra kienu qed jheddu l-istess eżistenza tiegħu. Konklużjoni kienet waħda.

Kien hemm vojt kbir ġo fih. Qalbu, li ħaseb li mietet u ndifnet ma' Charisse issa bdiet turi ċar li għadha ħajja, li bħax-xtieli tal-ġnien biex tikber jinħtieġ is-sħana ta' l-imħabba. Reġa' ħass taħbit goff ġewwa sidru u beża' li se jtih xi attakk ta' palpitazzjoni bħal dawk li ftit ilu kienu jwerwruh. Qam bil-ġiri minn fuq is-sodda. Kien ikun aħjar li jagħmel xi ħaġa biex iderri, imma fl-istess ħin il-għeja u t-telqa li kien iħoss ġo kull parti ta' ġismu kienet terġa' tmiddu ġos-sodda, u hekk bħal ċirku vizzjuż, bħal kalamita tremenda jerġa' jibda jredden fuq l-imgħoddi.

Jgħidu li meta bniedem jgħaddi minn xi prova kbira hu ma jibqax li jkun - jinbidel. Jista' jsir aħjar, jista' jinbidel għall-agħar. Fil-każ tiegħu r-riżultat finali kien għadu ma ħariġx. Kien għadu fuq il-quċċata tal-mewġa u setgħet turih sema u ġenna imma setgħet tkissru u tfarrku ma' blat iswed qerriedi.

Ħareġ il-ġlekk mill-gwardarobba. Minn isfel beda tiela' l-għajat ta' dawk l-imberkin tfal jiġġieldu. Marisa kellha ħmistax-il sena u Etienne tlettax. Kienu l-mimmi ta' għajnejh imma dan l-aħħar, l-aktar minn meta kienu ilhom Malta kienu nbidlu għal kollox. Hu kien jafhom bi tfal ħelwin imma issa kienu jdejquh kultant. Jista' jkun li għax tilfu r-rutina, bidlu l-iskola, il-ħbieb ħallewhom warajhom, u forsi kien l-effett ukoll tal-fsied esaġerat tan-nanna, insomma qatt ▶



ma nkwetawh daqs dan l-aħħar. Spiss jitlewmu u malli tikkuntentahom f'ħaġa minnufih jaqilgħu oħra.

Imma din id-darba t-tilwima spiċċat fix-xejn u wara ftit sema' l-ewwel noti tal-pjanu. Sa minn meta kibru biżżejjed biex jilħqu t-tistiera tal-pjanu, dawk iż-żewġt itfal bdew jitgħallmu jdoqqu l-pjanu minn għand missierhom stess. Din l-aħħar sena ħass li ma kellux paċenzja għalihom u kienu jitgħallmu għand surmastrijiet l-iskola. Kienu jdoqqu xi ħaġa 'l hinn u 'l hawn imma rari jippruvaw idoqqu flimkien *a quattromani.*



Issa bilkemm seta' jemmen lil widnejh. Kienu qed idoqqu flimkien, kienu qed idoqqu tajjeb, idoqqu b'espressjoni, silta melodjuża li qatt ma semagħhom idoqqu qabel; silta li bdiet togħġbu. Beda jsaffar mad-daqq tagħhom u saħansitra x'ħin għal waqt qasir waqfu, seta' jaf x'kien ġej wara. X'kienet dik il-mużika? Beda jgħodd ... xi serenata. Ta' min? Il-memorja dan l-aħħar kienet toħorġu ta' ħmar ... Kompla jsaffar. Poġġa bilqiegħda fuq is-sodda bil-ġlekk f'idu, iżomm rasu qisu xtaq li minn moħħu jagħfas u jagħsar tweġiba għall-kurżità li bdiet taħkmu ... ma setax. Kien żgur li hu semagħha xi darba, u kien żgur ukoll li xtaq li dik l-imbierka mużika ma tiqafx għax għal xi raġuni li hu ma kienx jaf ħass bħal raġġ ħafif sħun ta' saħħa timlielu ġismu mitluq.

"Nibqa' nipprova sa ma naqtagħha, imma għaliex sirt daqshekk bla ħila, fejn qatt ġrali hekk li ma niftakarx isem ta' kompożitur!" Niżel bilġri isfel, waqt li ma xtaqx ikellimhom jew itellifhom għax l-esperjenza għallmitu li jekk jieqfu żgur li ma jkomplux, u hu xtaq ferm li dik il-mużika tkompli. Kompla jisma' minn wara l-purtiera, imma meta l-kurżità għelbitu għal kollox mar ħdejhom, warajhom biex jaqla' l-isem tas-serata u tal-kompożitur.

B'għaġeb kbir tiegħu t-tfal issuktaw idoqqu u spiċċaw is-serenata sa l-aħħar nota b'sett ta' kordi armonjużi l-ewwel b'saħħithom imbagħad bil-ħlewwa.

"Ħalli nara ftit x'jisimha din? Min kitibha?"

"Ilna ħafna nipprattikawha, dad, u llum ħsibna li nafuha biżżejjed biex indoqquhielek! Togħġbok?"

Pierre s'issa kien ħa l-folja doppja tal-mużika f'idejh. "Għadek m'għedtlniex jekk togħġbokx ..."

Imma Pierre baqa' jħares lejn il-mużika jew aħjar lejn kopja ritratt ta' mużika oriġinali. L-isem tal-kompożitur ma kienx hemm, imma miktub b'ittri qishom tpinġija kien hemm l-isem "Buganvilla".

Baqa' bil-karti f'idejh, iħares ċass mingħajr ma jlissen kelma. It-tfal stennew xi kumment ta' inkoraġġiment, kien ilhom ħafna jistudjawha u ma kienx se jeħles minnhom missierhom jekk ma jgħidx li togħġbu, jekk ma jgħidilhomx 'bravi' u jagħtihom bewsa kull wieħed.

"Jekk trid, dad, nerġgħu ndoqquha ... Imma jekk nieħdu xi żball toqgħodx tgħajjat u twaqqafna biex iddoqqha int, din int ma tafhiex bħalna, ħallina nkomplu," issogra jgħid Etienne.

"Ġibha u nippruvaw," kompliet Marisa, imma Pierre kien qisu ma qed jisma' xejn, u dam sa ma nħall ilsienu.

"Iva, togħġobni. Din minn fejn ġibtuha? Jaqaw sibtuha mal-mużika qadima tan-nanna? Jew xtrajtuha? ... Le, le ma jistax ikun li xtrajtuha. Min tahielkom? Qatt ma daqqejtuha qabel."

"Ilna ħafna nippruvawha waqt il-lezzjoni tal-mużika u ma ridniex indoqquha hawn, lilek, qabel ma nkunu nafuha sew."

"Għadkom m'għedtulix minn fejn ġibtuha?"

"Sister Anne li tgħallimna l-pjanu tathielna."

"Mingħajr ma kitbet fuqha l-isem tal-kompużitur? ... u min hi din Sister Anne?"

Beda jħoss bħal fawra ħafifa tiela' f'għonqu. "Tafu kemm hu importanti li tkunu tafu l-isem tal-kompożitur!"

"Aħna staqsejnieha għall-isem u hi ma weġbitx. Dis-sister naħseb mhix brava daqs Mr Duncan li kien jgħallimna qabel," iddeċieda Etienne.

"Le, dad, brava ħafna," weġbitu Marisa bil-paċenzja. "Taf li serenata sabiħa u billi għednielha li inti tħobb ħafna l-mużika ħajritna nitgħallmuha għallk. Issa llejla ngħidulha li togħġbok!"

"Kif? Għaliex illejla?"

It-tfal kienu draw ċertl mistoqsijiet ripetuti li dan l-aħħar missierhom kien jagħmel minħabba li kien ftit għajjien, u n-nanna kienet spiss twissihom biex jieħdu paċenzja bih. "Il-lejla għandna lezzjoni tal-mużika l-iskola stess fis-sitta u ngħidu lil Sister Anne li fl-aħħar daqqejnieha s-serenata."

"Sister Anne ...?"

"Hi tgħallem il-pjanu. Għandha paċenzja kbira l-aktar b'Etienne meta jibda jpaċpaċ minflok idoqq ..."

"X'jiġifieri jpaċpaċ? U fuq xiex ipaċpaċ?"

"Ma tafux biżżejjed! Fuq kollox, fuq programmi tat-T.V., fuqek, xi drabi fuq il-mamà ..."

"U Sister Anne ..."

"Dik tiggustah ipaċpaċ u jien ikolli aptit intajru. Qisha qatt ma tiddejjaq bih!"

"Kollox sew, komplu doqqu."

Sema' s-serenata mill-bidu u wara qalilhom: "Fejnha n-nanna? Għidulha li jien sejjer dawra sal-wied."

Ħareġ miegħu s-sigaretti u ma' l-ewwel nifsijiet tas-sigarett beda jistejqer. Reġa' ħaseb fuq it-tfal, fuq il-mużika, beda jiftakar ...

Daqs ħamsa u għoxrin sena ilu ... kien wasal għall-aħħar eżamijiet tal-pjanu, kien imur jitgħallem għand is-surmast Vella, Ħal Balzan. Ftit iżgħar minnu kien hemm tfajla, Tessa. Kienet tieħu l-lezzjonijiet miegħu. Kienu jiltaqgħu ftit qabel fil-ġnien qrib, jistennew li jsir il-ħin preċiż biex jidħlu għal-lezzjoni. Bla ma jiftiehmu xejn kienu jsibu li kull darba b'kumbinazzjoni t-tnejn jaslu dejjem aktar kmieni u ma damux biex indunaw li qed togħġobhom il-kumpannija ta' xulxin. Fil-bidu kienu jitkellmu dwar il-mużika, imbagħad dwar il-ħajja tagħhom, dwar ix-xewqat tagħhom, u forsi għax il-kliem bħaċ-ċirasa wara ftit ġimgħat il-kliem waqa' fuq l-imħabba ... u waqt li kienu jitkellmu dwar l-imħabba jinsew il-ħin tal-lezzjoni, u ħaddejhom jimtlew bin-nar, u għajnejhom bix-xrar! Biesha l-ewwel darba taħt xitla tal-buganvilla, u biex jibqgħu jitfakru kitbilha serenata bl-istess isem biex tindaqq fuq il-pjanu minn tnejn minn nies. Damu jinnamraw sentejn.

Darba sieħbu ġennu biex imur miegħu jippruvaw xortihom ġewwa l-Kanada. Telaq. Wegħedha li jibgħat għaliha, imma sa ma żamm kelmtu ltaqa' ma' Charisse!

Tgħid x'kien sar minn Tessa? Ma kenitx tip ta' tfajla li tidħol soru, tfajliet sbieħ bħalha ma jaslu qatt biex jingħalqu f'erba' ħitan fejn ma jarahom ħadd, fejn ħadd ma jħobbhom! Ma jistax ikun.

Mill-banda l-oħra kif waslet dik is-serenata f'idejn uliedu? Minn fejn ġabitha Sister Anne?

Dam biċċa sewwa hemm mitluf fil-ħsieb, ipejjep sigarett wara l-ieħor. L-aħħar wieħed li kellu f'idu ma spiċċahx, waqaf f'nofsu, ħares lejh u wara bil-kalma kollha għaffġu taħt riġlejh. Ma kienx jeħtieġ aktar sigaretti.

Tela' bil-qajla mill-wied. In-nida bdiet nieżla u minn kull xitla bdiet ħierġa fwieħa mill-isbaħ; mis-siġar beda jasal l-għana ta' għasafar geġwiġija. Id-dellijiet bdew jitwalu u Pierre laħaq ix-xemx ballun aħmar tistaħba wara s-siġar ta' l-għolja tal-Bidnija u tħalli warajha silwett ta' siġar u zkuk jitbewsu ma' sema dehbi.

Baqa' hemm iħares bi tbissima fuq wiċċu waqt li mill-bogħod sema' l-qniepen tal-kappella tas-sorijiet li bdew idoqqu l-*Ave Maria*. ❑

## *nitkellmu ma'* Patri ANTON AZZOPARDI

*(Ikompli minn paġna 14)*

**• Bħalissa tinsab Napli. Hemm xi differenza fil-ħidma tal-Kapuċċini Taljani minn dik tal-Provinċja f'Malta?**

Bħalma semmejt aktar 'il fuq, matul dawn il-ħmistax-il xahar li ilni hawn f'Pozzuoli u Napli, il-ħidma tal-Kapuċċini Taljani, ftit jew wisq, hija simili għal dik tagħna f'Malta. Għalkemm mhumiex impenjati bħalna f'dik li hija ħidma fl-isptarijiet u istituti oħra governattivi, jaħdmu ħafna però għat-tixrid ta' l-Ordni Franġiskan Sekulari u l-Gi.fra.

Il-Provinċja Naplitana ilha mill-1991 li bdiet taħdem ukoll fir-Rumanija fejn kien twieled il-Beatu Ġeremija li kien sar Kapuċċin Napli u miet hawnhekk ukoll fl-1925. Bis-saħħa t'hekk, fir-Rumanija nibtu ħafna vokazzjonijiet għall-ħajja Kapuċċina u dalwaqt jiġi ordnat ukoll l-ewwel saċerdot Kapuċċin. Bħalissa, fil-kunvent tagħna hawnhekk, hawn xi għoxrin żagħżugħ li qed iħejju ruħhom biex isiru saċerdoti jew fratelli lajċi.

**• X'tixtieq li tara jseħħ fil-Knisja f'dan il-Millenju l-ġdid?**

F'dan it-Tielet Millenju nixtieq li mhux biss aħna l-insara imma l-bnedmin kollha jsiru jħobbu lil xulxin aktar. Nixtieq ukoll li fil-Knisja jsir 'Tiġdid ta' Fidi'. Fit-tieni lok nixtieq u nitlob li dan il-Ġublew Kbir fl-Elfejn Sena mit-Twelid ta' Kristu l-ħafna miljuni li għadhom lanqas biss semgħu bih jisiru jafuh biex ikunu jistgħu jqimuh ukoll u hekk issir 'Merħla waħda taħt Ragħaj wieħed.'

**• Min hu l-Kapuċċin għalik?**

Għalija, il-Kapuċċin huwa dak li, mingħajr mistħija, ma jibżax jagħti xhieda ta' l-identità tiegħu bħala iben Franġisku ta' Assisi.

Biżżejjed inħarsu lejn il-Kapuċċini ta' żmienna, l-aktar dawk imgħollija għall-qima ta' l-altari li, avolja mingħajr ma kienu predikaturi jew bnedmin ta' xjenza, ġibdu lejhom u lejn Alla eluf u miljuni ta' bnedmin. ❑

# TISLIBA 2

minn P. Wistin ATTARD ofm cap




1. Xi mkien *fil-moħbi.* (Ħab 3, 14) (5)
2. Ma baqax għani. (2 Kor 8, 9) (6)
3. Kien hemm kotra minnhom (2 Mak 2, 24) (5)
4. X'għamel l-anġlu lil Ġożwe. (Żak 3, 6) (5)
5. Missier Sallum. (1 Kron 9, 19) (4)
6. *Isofri* ħafna. (Mk 8, 31) (5)
7. Hekk għamlu lill-fidda. (Naħ 2, 10) (5)
8. Lil Alla u lil ħuh ukoll. (1 Ġw 4, 21) (5)
9. Nibla' lilu. (Ġob 7, 19) (3)
10. Iġibu ... lill-familja. (1 Tim 5, 4) (7)
11. u 12. Hekk għamiltu u ma skirtux. (Ħag 1, 6) (6)
13. Li tibki u li .... (Koħ 3, 4) (6)
14. Issibha f'kull ittra. (2 Tes 3, 17) (5)
15. Minn Misja niżlu hawn. (Atti 16, 8) (5)
16. Kulur il-qamħ. (Sir 40, 22) (5)
17. Għekiesi u ... (Kol 2, 19) (5)
18. Hekk ġralu l-qamħ. (Ġoel 1, 10) (7)
19. Nagħmilhulek tal-ħadid. (Mik 4, 13) (4)
20. ... 'l hawn. (Għan 2, 17) (3)
21. Sinjal bis-siġill. (Dan 6, 18) (5)
22. Għandu x'jaqsam mas-slaten. (1 Pt 2, 9) (5)

***RIŻULTAT TAT-TISLIBA TA' JANNAR (1):***

*1. Ċappa; 2. Qarraq; 3. Sibma; 4. Xirka; 5. Ġidu; 6. Tumas; 7. Aranti; 8. Iġibu; 9. Pur; 10. Miknusa; 11 u 12. Eqirdu; 13. Dritta; 14. Appja; 15. Qawwi; 16. Żarma; 17. Kusin; 18. Paċpaċa; 19. Ċiru; 20. Idu; 21. Jaraw; 22. Martri.*

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar. Ibgħatu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz: Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - VLT 14*

**Ir-Rebbieħa ta' dan ix-xahar hija: Ms. Lina Sammut - Qawra**

**Il-Bibbja li ntużat għal din it-Tisliba hija dik ta' l-Għaqda Biblika (Edizzjoni 1984 jew 1997).**

POEŻIJA

# PANGE LINGUA

***Traduzzjoni mil-Latin ta' Oliver Friggieri***

Se jinħall ilsienna jfaħħar
Lill-Ħallieq ta' ħwejjeġ kbar.
Hu li wriena l-għożża tiegħu
B'dan il-ġisem u b'dad-demm.
Tnissel f'ġuf ħanin għalina
Is-sultan li feda 'l-ġnus.

Mingħand xebba bla mittiefsa
Hu ngħatalna fit-twelid.
Għex fid-dinja jxerred kelmtu
Bħal żerriegħa kullimkien.
Għammar fostna w bl-akbar għaġeb
Għalaq ħajtu fuq din l-art.

Fl-aħħar lejl ta' l-ikla tiegħu
Bl-aħwa miegħu miġburin,
Waqt li ħares sewwa l-liġi
Ta' l-ikliet ta' dak iż-żmien,
Minn idejh ried jagħti b'ikel
Lilu nnifsu lill-bnedmin.

Il-Mulej li tlaħħam bniedem
Lill-inbid ibiddlu f'demm
U lill-ħobż ibiddlu f'ġisem.
Jekk għajnejna ma jifhmux,
Biex tisseddaq il-qalb twajba
Hemm is-saħħa tat-twemmin.

Ejjew mela 'l-Mulej tagħna
Ninżlu fl-art biex inqimuh.
Hawn titħabbar rabta ġdida
Biex jinħall l-irbit qadim.
It-twemmin irodd l-għajnuna
Fejn b'ħilitna ma naslux.

Lill-Missier u 'l Ibnu nagħtu
Kull foħrija ferħanin.
Lilhom sedqa, qawwa, barka,
Insellmulhom bl-akbar ġieħ.
Kull tifħir lil Ruħ il-Qodos
Li ġej minnhom nagħtu wkoll.

*Qegħdin nippreżentaw dan l-innu ewkaristiku peress li din is-sena tal-Ġublew Imqaddes hija ddedikata lil Ġesù fl-Ewkaristija.*




# Telqet timxi!

**Fix-xahar ta' FRAR**
**iċ-"Church on Wheels" se jkun f'dawn l-iskejjel u lokalitajiet:**

- 1 ta' Frar: Junior College
- 3 ta' Frar: Parroċċa ta' Raħal l-Gdid
- 8 ta' Frar: Skola tal-Bniet - St. Andrews
- 9 ta' Frar: Parroċċa ta' Ħaż-Żabbar
- 11 ta' Frar: Skola Sekondarja tas-Subien - Żebbuġ
- 17 ta' Frar: Skola Sekondarja tal-bniet - Tarxien
- 17 ta' Frar: Parroċċa ta' Ħal Balzan
- 18 ta' Frar: Skola Sekondarja tas Subien - B'kara
- 20 ta' Frar: Parroċċa ta' Bormla
- 22 ta' Frar: Junior Lyceum tas-Subien - Paola
- 24 ta' Frar: L-istess post
- 25 ta' Frar: Parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ
- 27 ta' Frar: Parroċċa ta' Ħal Safi

Fid-9 ta' Jannar, 2000, il-proġett "Church on Wheels" li l-Kunsill Interdjoċesan tal-Vokazzjonijiet qed jorganizza biex jiccelebra l-Ġublew tas-sena 2000, ġie inawgurat fil-pjazza ta' quddiem il-knisja tal-Kapuċċini fil-Kalkara. Preżenti għal din l-inawgurazzjoni kien hemm il-membri ta' l-istess Kunsill tal-Vokazzjonijiet, il-Provinċjali ta' l-Ordnijiet u Kongregazzjonijiet Reliġjużi, kif ukoll il-benefatturi li għenu mhux ftit biex iseħħ dan il-proġett. Fil-bidu ta' din iċ-ċerimonja, Fr. Joe Giuliano OFM Cap., il-President tal-Kunsill Interdjoċesan tal-Vokazzjonijiet, u l-moħħ u d-dirgħajn wara dan il-proġett, irringrazzja lil dawk preżenti u lil kull min tah daqqa ta' id. Dan il-proġett ġie mbierek u nawgurat mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Annetto Depasquale, li wara li bierek it-*trailer*, daħal fih u, flimkien mal-ġurnalisti, ġie muri wieħed mill-*videos* li ser jintwerew liż-żgħażagħ li ser jagħmlu użu minn dan il-proġett.

Iċ-"Church on Wheels" beda l-ħidma tiegħu nhar it-Tlieta, 11 ta' Jannar, u l-ewwel mawra tiegħu kienet fl-Iskola Sekondarja tal-Bniet taż-Żejtun. L-aħħar mawra tiegħu fix-xahar ta' Jannar kienet fil-parroċċa tan-Naxxar.

*Fir-ritratti fuq il-lemin jidher P. Joe Giuliano jirringrazzja lill-benefatturi tal-proġett. Ħdejh jidher l-Eċċ. Tiegħu Mons. Anetto Depasquale li bierek ic-"Church on Wheels". Isfel jidhru l-postulanti u n-novizzi kapuċċini jkantaw fil-bidu taċ-ċerimonja.*





**K.I.V. Website:**
**www.vocations.org.mt**

Jekk trid tkun taf aktar dwar il-ħajja u l-ħidma ta' l-Aħwa Kapuċċini ikkuntattja lil

Fr. Joe Giuliano OFM Cap.
Kunvent tal-Kapuċċini - Kalkara
☎ 825 724 jew 800 612

# Riżultat tal-Lotterija tal-Milied b'risq il-Missjoni tal-Kapuċċini



**Il-Lotterija tal-Milied b'risq il-Missjoni ta' l-Aħwa Kapuċċini ġiet imtellgħa nhar il-Ħadd, 2 ta' Jannar 2000, fil-kunvent tal-Kapuċċini, Floriana. Il-biljetti rebbieħa huma:**

**L-ewwel Premju:** *Żewġ Biljetti ta' l-Ajru ma' l-Air Malta għal Ruma u lura*
Biljett rebbieħ numru 006494
Mrs Helen Muscat - Paola

**It-tieni Premju:** *Hamper Kbir*
Biljett rebbieħ numru 015688
Ms Cettina Sultana - Żabbar

**It-tielet Premju:** *Hamper Kbir*
Biljett rebbieħ numru 004500
Mrs. Marija Mifsud - Ħaż-Żebbuġ (Malta)

**Ir-raba' Premju:** *Hamper Kbir*
Biljett rebbieħ numru 014045
Mr Paul Caruana - Hamrun

Nifirħu ħafna lir-rebbieħa ħbieb tal-missjoni, u rroddu ħajr minn qalbna lill-benefatturi kollha li għenuna f'din il-Lotterija:

- Lill-Air Malta li gentilment tatna l-biljetti ta' l-ajru b'xejn,
- Lil Mrs Antida Gauci li ħadet ħsieb tiġbor il-*hampers*, u lil min taha l-oġġetti għalihom, fosthom: Mr Anthony Mercieca, Mr Charles Grech, Mr C. Camilleri & Sons, u The Albion Stores,
- lill-*helpers* kollha li taw is-sehem tagħhom,
- lil kulmin biegħ u/jew xtara l-biljetti.

**Riżultat tal-lotterija waqt il-Bazaar f'San Gwann u fil-Floriana**
Presepju artistiku: biljett rebbieħ numru 178 WXYZ (kulur roża)
Żewġ vażuni taċ-ċiramika: biljett rebbieħ numru 64 AJ2Q YQ5J (kulur abjad)
Ir-rebbieħa ta' dawn iż-żewġ premjijiet huma mitluba li jippreżentaw il-biljett tagħhom.

# Agħti Borża ta' Studju

**Borża ta' Studju hija offerta ġeneruża ta' Lm 250 li tista' tingħata jew minn persuna waħda jew minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien. Tista' tingħata anki ftit ftit. Min jagħmel din l-offertà ikollu sehem kbir fil-Ħajja Reliġjuża/Saċerdotali ta' l-Istudenti Kapuċċini Kenjani.**

**Għal aktar tagħrif ċemplu lil P. Joe Alessandro OFM Cap.**
**Tel: 23 38 74 / 22 55 25 / 23 49 49**